

L-appoġġ mogħti mill-Kummissjoni għall-għlieda kontra l-ġuħ fl-Afrika sub-Saħarjana

Ħaqqu kull tifħir, iżda mhuwiex iffukat biżżejjed fuq
is-sostenibbiltà u l-impatt



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Werrej

Paragrafu

01–22 | **Messaġġi prinċipali**

01–07 | **Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?**

08–22 | **X'sibna u x'nirrakkomandaw**

09–13 | L-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni mhux dejjem indirizzaw l-akbar
ħtiġijiet

14–22 | L-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni kienu siewja u kkoordinati b'mod
sodisfaċenti, iżda ma kinux iffukati biżżejjed fuq l-impatt u s-sostenibbiltà

23–85 | **Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna**

23–47 | **L-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni mhux dejjem indirizzaw
l-akbar ħtiġijiet**

24–35 | Il-Kummissjoni ma użatx metodoloġija ċara u dokumentata biex tagħti
prijorità lill-pajjiżi li kienu l-aktar fil-bżonn ta' appoġġ

36–47 | Għalkemm il-proġetti kienu allinjati mal-politiki tal-UE u ma' dawk tal-pajjiżi
sħab, il-fasla tagħhom kellha d-dgħufijiet

48–85 | **L-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni kienu siewja u
kkoordinati b'mod sodisfaċenti, iżda ma kinux iffukati biżżejjed
fuq l-impatt u s-sostenibbiltà**

49–58 | Il-koordinazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-azzjonijiet tagħha kienet sodisfaċenti

59–72 | Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proġetti kien fil-biċċa l-kbira
insuffiċjenti

73–85 | L-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni, filwaqt li kienu siewja,
kumplessivament kellhom riżultati mħallta

Annessi

Anness I — Dwar l-awditu

Anness II — Proġetti inklużi fil-kampjun

Anness III — Valutazzjoni tal-proġetti

Abbrevjazzjonijiet

Glossarju

Risposti tal-Kummissjoni

Kronoloġija

Tim tal-awditjar

Messaġġi prinċipali

Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?

- 01** Il-ġuħ jibqa' sfida globali kritika, u jolqot lil miljuni ta' nies fid-dinja kollha. L-isforzi biex tiġi indirizzata din il-problema huma prinċipju ċentrali tal-[Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti](#), li fuqhom l-UE hija sieħba impenjata. Il-ġlieda kontra l-ġuħ tinvolvi firxa ta' attivitajiet relatati mal-assistenza għall-ikel, in-nutrizzjoni, is-sigurtà tal-ikel u s-sistemi tal-ikel (ara l-[Figura 1](#)).

Figura 1 | Definizzjoni ta' kunċetti relatati mal-ġlieda kontra l-ġuħ



Sors: il-Kummissjoni u l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura.

- 02** Minkejja l-progress globali f'ħafna oqsma, il-preżenza kontinwa tal-ġuħ tibqa' waħda mill-aktar sfidi urġenti tal-umanità. Mijiet ta' miljuni ta' nies madwar id-dinja għadhom jesperjenzaw ġuħ kroniku, u miljuni oħra huma milquta minn insigurtà akuta tal-ikel minħabba kunflitti, xokkijiet klimatiċi u tfixkil ekonomiku. L-UE tipparteċipa b'mod attiv f'inizjattivi globali (ara l-paragrafu **57**) biex tnaqqas l-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni. Dawn jinkludu l-finanzjament tal-għajjnuna għall-ikel, l-appoġġ għall-agrikoltura sostenibbli u għas-sistemi tal-ikel sostenibbli, u t-trawwim ta' sħubijiet internazzjonali. Minkejja dawn l-isforzi, l-isfidi għadhom jippersistu u fatturi esterni bħall-kunflitt, it-tibdil fil-klima u d-disparitajiet ekonomiċi globali jaggravaw l-insigurtà tal-ikel. L-Afrika sub-Saħarjana kienet partikolarment vulnerabbli għal dawn il-fatturi esterni. Iż-żieda fl-inugwaljanza u fil-pressjonijiet inflazzjonarji, kif ukoll ir-riperkussjonijiet ta' wara l-kriżijiet, bħall-pandemija tal-COVID-19, komplew iżidu l-vulnerabbiltajiet.
- 03** Il-finanzjament mill-UE għall-ġlieda kontra l-ġuħ huwa pprovdut permezz ta' assistenza umanitarja, li hija taħt ir-responsabbiltà tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajjnuna Umanitarja Ewropej (DG ECHO), u permezz tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, li hija responsabbiltà tad-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali (DG INTPA). Globalment, l-UE kkonkludiet kuntratti li jammontaw għal EUR 17-il biljun għal inizjattivi ta' sokkors mill-ġuħ bejn l-2014 u l-2020, u għal EUR 6.2 biljun bejn l-2021 u l-2024. L-Afrika sub-Saħarjana rċeviet l-akbar ammont minn dan il-finanzjament, jiġifieri aktar minn EUR 11-il biljun. Dan jirrappreżenta 48 % tat-total.
- 04** L-awditu ffoka fuq azzjonijiet ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp li jindirizzaw is-sigurtà tal-ikel, is-sistemi akkwatiċi u agroalimentari sostenibbli, u n-nutrizzjoni. L-awditu twettaq permezz ta' żjarat fuq il-post fl-Etjopja, il-Kenja u ż-Żambja, analiżijiet mhux fuq il-post għaċ-Chad, in-Niġer u s-Sudan t'Isfel, intervisti mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, u analiżi ta' dokumenti għall-pajjiżi kollha fl-Afrika sub-Saħarjana.
- 05** Il-finanzjament ipprovdut mid-DG INTPA u d-DG ECHO għall-ġlieda kontra l-ġuħ bejn l-2021 u l-2024 (ara l-paragrafu **03**) jirrappreżenta investiment sinifikanti. Flimkien mal-Istati Membri tagħha, l-UE tibqa' l-akbar fornitur fid-dinja ta' għajjnuna għall-iżvilupp u qed tagħmel sforzi konsiderevoli biex tadatta l-appoġġ tagħha għall-ħtiġijiet globali li qed jikbru, b'mod partikolari fil-kuntest diffiċli attwali. Fid-dawl tal-iskala ta' dawn l-isforzi u l-finanzjament sostanzjali involut, huwa importanti li jiġi vvalutat jekk l-azzjonijiet meħuda mill-UE humiex qed jagħtu r-riżultati intenzjonati u humiex qed jissodisfaw id-domandi li kulma jmur qed jevolvu fil-ġlieda kontra l-ġuħ.

- 06** Għaddew aktar minn 10 snin minn meta wettaqna awditu tal-prestazzjoni f'dan il-qasam (ir-[Rapport Speċjali Nru 1/2012](#): “L-effettività tal-għajnuna għall-iżvilupp mill-Unjoni Ewropea għas-sigurtà alimentari fl-Afrika sub-Saħarjana”). Dan l-awditu joffri opportunità f'waqtha biex jiġi vvalutat il-progress li sar mill-2012 'il hawn u jipprovdi għarfien li se jiggwida l-azzjonijiet futuri tal-UE. Dawn is-sejbiet jistgħu jkunu wkoll kontribut siewi għall-ippjanar tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.
- 07** Aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni kinitx immirat u implimentat l-azzjonijiet tagħha biex tiġġieled il-ġuħ fl-Afrika sub-Saħarjana b'mod effettiv (ara l-paragrafi [07–12](#) — l-[Anness I](#)). B'mod aktar speċifiku, iavalutajna jekk:
- o l-azzjonijiet ta' żvilupp meħuda mill-Kummissjoni għall-ġlieda kontra l-ġuħ indirizzawx l-aktar ħtiġijiet u prijoritajiet rilevanti;
 - o il-Kummissjoni kinitx implimentat dawn l-azzjonijiet b'mod effettiv.

Bir-rapport tagħna, għandna l-għan li nikkontribwixxu għat-titjib tal-effettività tal-finanzjament futur billi nsaħħu l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-azzjoni meħuda mill-UE fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel, is-sistemi tal-ikel u n-nutrizzjoni. Aktar informazzjoni ġenerali u dettalji dwar l-ambitu u l-approċċ tal-awditjar jinsabu fl-[Anness I](#).

X'sibna u x'nirrakkomandaw

- 08** B'mod ġenerali, aħna sibna li l-Kummissjoni għamlet sforzi siewja biex tiġġieled kontra l-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni fl-Afrika sub-Saħarjana, iżda li l-azzjonijiet tagħha mhux dejjem kienu mmirati lejn dawk bl-akbar ħtiġijiet u ma kinux iffukati biżżejjed fuq l-impatt u s-sostenibbiltà. In-nuqqas ta' metodoloġija ċara u dokumentata għall-prijoritizzazzjoni tar-regġuni jew tal-gruppi fil-mira, flimkien ma' ħtiġijiet li jaqbżu l-fondi disponibbli, illimitaw l-effettività ġenerali tal-interventi. Għalkemm il-koordinazzjoni kienet sodisfaċenti, id-dgħufijiet fit-tfassil u l-monitoraġġ tal-proġetti, u l-isfidi fl-indirizzar tal-kawżi ewlenin sottostanti tal-insigurtà tal-ikel kellhom impatt negattiv fuq is-sostenibbiltà tal-proġetti. Filwaqt li l-azzjonijiet meħuda mill-UE ġew allinjati mal-politiki tal-pajjiżi sħab, u l-azzjonijiet tal-Kummissjoni kkontribwew għall-progress, għad hemm sfidi sinifikanti fit-tnaqqis tal-malnutrizzjoni u l-insigurtà tal-ikel.

L-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni mhux dejjem indirizzaw l-akbar ħtiġijiet

- 09** Il-proċess ta' programmazzjoni tal-UE għall-kooperazzjoni internazzjonali jistabbilixxi prijoritajiet permezz ta' programmi indikattivi pluriennali. Filwaqt li l-perjodu 2014–2020 iffoka fuq is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni, il-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027 iffavorixxa bidla lejn sistemi tal-ikel agrikoli u akkwatiċi sostenibbli. Din il-bidla fil-fokus issaħħet permezz tal-inizjattiva [Global Gateway](#) tal-Kummissjoni (ara l-paragrafi [24–28](#)).
- 10** Id-dokumenti ta' programmazzjoni tal-Kummissjoni, kif ukoll id-dokumenti ta' azzjoni għal kull proġett, jippromwovu soluzzjonijiet sostenibbli biex jiġi indirizzat il-ġuħ, bħall-appoġġ lill-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira, it-tiżni tal-produttività agrikola jew il-promozzjoni ta' sistemi tal-ikel reżiljenti. Madankollu, spiss kien hemm nuqqas ta' valutazzjonijiet dettaljati tal-insigurtà tal-ikel, il-malnutrizzjoni u l-kawżi ewlenin tagħhom skont ir-reġjun jew il-grupp tal-popolazzjoni. Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda metodoloġija bbażata fuq kriterji trasparenti u rilevanti biex jiġu identifikati u mmirati l-aktar pajjiżi, reġjuni u provinċji rilevanti għall-isforzi tal-Kummissjoni biex tindirizza l-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni (ara l-paragrafi [29–34](#)).
- 11** Aħna ħarisna lejn kampjun ta' proġetti u sibna li dawn ġeneralment irrispondew għall-ħtiġijiet tal-benefiċjarji. Madankollu, mhux dejjem kien hemm evidenza li l-appoġġ kien immirat lejn dawk iż-żoni ġeografiċi jew il-gruppi tal-popolazzjoni li kienu l-aktar fil-bżonn u li fuqhom x'aktarx kien se jkollu l-ogħla impatt (ara l-paragrafu [35](#) u l-[Kaxxa 1](#)).



Rakkomandazzjoni 1

Issaħħaħ l-immirar u tiddokumenta l-kriterji applikati biex tagħti prijorità lill-appoġġ għall-iżvilupp għall-ġlieda kontra l-ġuħ

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi u tiddokumenta kriterji ċari għall-immirar tal-aktar żoni ġeografiċi u ħtiġijiet rilevanti, filwaqt li tqis il-kuntesti differenti li fihom jingħata l-appoġġ. Dawn jenħtieġ li jqisu wkoll id-data disponibbli dwar il-kawżi ewlenin tal-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni kronika jew akuta fil-livell nazzjonali u reġjonali.

Data immirata għall-implimentazzjoni: 2027

- 12** Aħna identifikkawna nuqqasijiet fit-tfassil tal-proġetti inklużi fil-kampjun. Ma kien hemm l-ebda tipoloġija predefinita ta' għażliet ta' rispons adatti, skont il-kuntest ta' kriżi li fih tkun tiġi implimentata azzjoni, u lanqas ma kien hemm gwida għall-valutazzjoni tal-kosteffettività. Dan joħloq riskju għall-allinjament tat-tfassil tal-proġett mal-kawżi strutturali tal-insigurtà tal-ikel. Barra minn hekk, l-evalwazzjonijiet tal-kostijiet ma kellhomx dokumentazzjoni bir-reqqa. Dawn ftit kellhom analizzijiet dettaljati tal-baġits tal-proġetti u ma kellhom l-ebda tqabbil ta' kostijiet simili fil-proġetti; dan joħloq riskji għall-effiċjenza. Il-proġetti eżaminati kienu ġeneralment allinjati mal-prijoritajiet tal-pajjiżi sħab u rriflettew il-bidla favur fokus akbar fuq l-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur ekonomiċi, b'inqas fokus immedjat fuq il-ħtiġijiet nutrizzjonali (ara l-paragrafi **36–41**).
- 13** Sibna każijiet fejn in-nuqqas ta' involviment tal-komunità matul it-tfassil tal-proġetti wassal biex ikun hemm inqas effettività u sostenibbiltà. Id-durata qasira tal-proġetti llimitat ukoll il-benefiċċji għal żmien twil (ara l-paragrafi **42–45** u l-*Kaxxa 2*). Il-proġetti ta' żvilupp ġeneralment ma kellhomx il-flessibbiltà meħtieġa biex jadattaw għal avvenimenti mhux previsti, minkejja li ġew implimentati f'ambjenti volatili ħafna (ara l-paragrafi **46–47**).



Rakkomandazzjoni 2

Issaħħaħ it-tfassil ta' proġetti ta' żvilupp

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) issaħħaħ ir-rabta bejn it-tfassil tal-proġetti u l-kawżi strutturali sottostanti tal-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni billi tiżviluppa tipoloġija, flessibbli u sensittiva għall-kuntest, ta' għażliet ta' rispons imfassla apposta għal kuntesti differenti ta' kriżi. Din għandha tiġi kkomplementata minn gwida dwar kif tiġi vvalutata l-kosteffettività tal-proġetti;
- (b) tinvolvi b'mod attiv lill-komunitajiet lokali fit-tfassil tal-proġetti biex tara li l-interventi żgur ikunu allinjati mal-ħtiġijiet rilevanti u biex issaħħaħ is-sostenibbiltà għal żmien twil.

Data immirata għall-implimentazzjoni: 2027

L-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni kienu siewja u kkoordinati b'mod sodisfaċenti, iżda ma kinux iffukati biżżejjed fuq l-impatt u s-sostenibbiltà

- 14** Il-Kummissjoni stabbiliet qafas solidu għall-implimentazzjoni tar-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp (strateġija li tfittex li tgħaqqad l-għajnuna umanitarja ta' emerġenza għal żmien qasir ma' assistenza għall-iżvilupp għal żmien itwal u taċċerta l-komplementarjetà bejniethom), filwaqt li tiddekrivi passi ċari għall-implimentazzjoni. Madankollu, l-implimentazzjoni fil-livell tal-pajjiżi għadha dgħajfa. Filwaqt li xi pajjiżi, bħaċ-Ċad u l-Etjopja, għamlu progress, il-biċċa l-kbira mill-pajjiżi sub-Saħarjani ma għandhomx l-oqfsa meħtieġa biex jintegraw l-isforzi umanitarji u dawk ta' żvilupp b'mod effettiv. Dan għandu sinerġiji limitati bejn l-interventi, u b'hekk inaqqas l-effettività kumplessiva tagħhom (ara l-paragrafi [49–54](#)).



Rakkomandazzjoni 3

Issaħħaħ l-implimentazzjoni tar-rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tara li d-direttorati ġenerali u s-servizzi rilevanti kollha jkunu involuti fl-adozzjoni ta' strateġija tar-rabta komprensiva fil-livell tal-pajjiżi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinvolvi lill-pajjiżi sħab, fejn kien fattibbli, fit-tnejn ta' analiżijiet konġunti tal-kuntest u pjanijiet ta' azzjoni biex tittejjeb il-komplementarjetà bejn l-interventi umanitarji u ta' żvilupp, filwaqt li tqis ukoll id-dimensjoni tal-paċi. Dawn jenħtieġ li jinkludu rwoli, responsabbiltajiet u mekkaniżmi ta' koordinazzjoni definiti b'mod ċar.

Data immirata għall-implimentazzjoni: 2027

- 15** Dgħufijiet fil-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' rappurtar għal proġetti ffinanzjati mill-UE jillimitaw il-kapaċità tal-Kummissjoni li tissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom b'mod effettiv. Għal diversi raġunijiet, bħal restrizzjonijiet ta' sigurtà jew ta' riżorsi, id-delegazzjonijiet tal-UE f'tit wettqu żjarat fuq il-post. Id-dipendenza tagħhom fuq ir-rapporti ta' progress mis-sħab ta' implimentazzjoni mingħajr kontroverifika rriżultat f'diskrepanzi bejn ir-riżultati li ġew irrappurtati u dawk reali. Filwaqt li ttieħdu xi azzjonijiet korrettivi f'każijiet speċifiċi, l-isforzi ta' monitoraġġ kumplessivi baqgħu insuffiċjenti (ara l-paragrafi [59–63](#) u [70–71](#)).

- 16** Għall-proġetti kollha fil-kampjun tagħna, saru laqgħat regolari ta' koordinazzjoni li jinvolve delegazzjonijiet tal-UE, awtoritajiet nazzjonali u donaturi oħra. Barra minn hekk, id-delegazzjonijiet tal-UE ħadu passi biex ikun hemm interazzjoni konsistenti mas-sħab ta' implimentazzjoni permezz ta' laqgħat kemm formali kif ukoll informali (ara l-paragrafi [57–58](#)).
- 17** L-oqfsa loġiċi tal-proġetti fil-kampjun tagħna kienu jinkludu ftit indikaturi tal-eżitu, u l-linji bażi kienu neqsin għal diversi proġetti. Dan jagħmilha diffiċli biex jintwera l-impatt tal-proġetti (ara l-paragrafi [64–65](#)).
- 18** Ir-rappurtar dwar il-finanzjament relatat mas-sigurtà tal-ikel huwa kkompikat min-nuqqas ta' metodoloġija komuni għall-kejl ta' finanzjament ta' dan it-tip u mid-differenzi fil-mod kif jiġi definit fi ħdan il-komunità tad-donaturi. Barra minn hekk, meta l-proġetti jkollhom bosta objettivi, dawn jistgħu jiġu kklassifikati u rrapportati taħt diversi setturi. Filwaqt li l-proġetti jistgħu jikkontribwixxu għal bosta setturi, u dan spiss jagħmluh, din il-prattika twassal għal rappurtar li faċilment jista' jiġi interpretat ħażin billi jirriżulta fid-dikjarazzjoni eċċessiva tal-ammonti ta' finanzjament reali għal kull settur (ara l-paragrafi [66–68](#)).
- 19** Il-Qafas tar-Riżultati tal-Ewropa Globali tfassal biex ikejjel l-effettività u l-impatt tal-azzjonijiet esterni tal-UE u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Madankollu, id-data mill-qafas iddikjarata fir-rapport annwali tal-attività tal-Kummissjoni dwar l-istrumenti ta' azzjoni esterna ma tirriflettix ir-riżultati miksuba, u tiddikjara l-outputs u l-eżiti b'mod insuffiċjenti, billi l-indikaturi tal-qafas għadhom mhumiex integrati sew fil-proġetti (ara l-paragrafu [69](#)).



Rakkomandazzjoni 4

Issaħħaħ il-qafas tal-Kummissjoni għall-monitoraġġ u r-rappurtar

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) issaħħaħ is-sorveljanza tal-proġetti billi twettaq żjarat fuq il-post ibbażati fuq ir-riskju. Dan jenħtieġ li jinvolve l-prijoritizzazzjoni tar-riżorsi għal żjarat ta' dan it-tip abbażi ta' fatturi ta' riskju speċifiċi, bħan-natura u l-komplessità tal-proġetti, il-livell ta' finanzjament tagħhom, il-prestazzjoni fl-imgħoddi tas-sħab ta' implimentazzjoni, u l-limitazzjonijiet mil-lat tas-sigurtà u l-loġistika. Jenħtieġ ukoll li l-Kummissjoni titlob u tirrieżamina b'mod sistematiku d-dokumenti ta' sostenn mis-sħab ta' implimentazzjoni biex issaħħaħ il-verifikazzjoni li twettaq tad-data ewlenija inkluża fir-rapporti ta' progress, b'mod partikolari fir-rigward tal-għadd ta' beneficijarji appoġġati u t-tagħmir ipprovdut;

- (b) ittejjeb l-oqfsa loġiċi billi tiffoka aktar fuq l-identifikazzjoni ta' indikaturi tal-eżitu xierqa li jallinjaw mal-oġettivi tal-proġett, u tagħti prijorità lill-istabbiliment ta' linji bażi qabel l-implimentazzjoni tal-proġett;
- (c) tipproponi, lil donaturi oħrajn, l-iżvilupp ta' metodoloġija komuni biex jitkejjel il-finanzjament relatat mas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni, biex tara li jkun hemm konsistenza fir-rappurtar, ittejjeb it-trasparenza rigward il-kontribut finanzjarju tal-proġetti lil diversi setturi, u tirrapporta dwar il-progress li jkun sar sal-2027.

Data immirata għall-implimentazzjoni: 2027

- 20** L-interventi tal-UE fl-Afrika sub-Saħarjana b'mod ġenerali kisbu riżultati mħallta. Diversi proġetti inklużi fil-kampjun irnexxielhom iżidu l-kwalità u l-kwantità tal-ħsad u l-għadd ta' bdiewa b'azjenda agrikola żgħira li jkollhom kuntratti ta' introjtu fiss, jew jipprovdu fehim aħjar tas-sitwazzjoni ġeoloġika jew tal-ġestjoni tal-art tal-pajjiżi. Madankollu, il-biċċa l-kbira mill-proġetti naqsu milli jindirizzaw rabtiet kritiċi mas-swieq, inklużi dawk għall-bdiewa biex ibigħu l-ħsad tagħhom jew jaċċessaw is-servizzi finanzjarji. Dan in-nuqqas illimita l-kapaċità tal-benefiċjarji li jikkapitalizzaw bis-sħiħ fuq il-potenzjal tal-proġetti tagħhom u kkomprometta s-sostenibbiltà u l-impatt tal-proġetti (ara l-paragrafi [73–75](#) u l-*Kaxxa 3*).
- 21** Il-livelli ta' żvilupp imxekkel u ta' malnutrizzjoni baqgħu għoljin fl-Afrika sub-Saħarjana, u hemm sfidi persistenti fl-indirizzar tal-insigurtà tal-ikel, il-malnutrizzjoni u problemi sottostanti oħra. Minkejja diversi sforzi u interventi, ir-reġjun għadu qed iħabbat wiċċu ma' ostakli sinifikanti, inklużi t-tibdil fil-klima, il-kunflitt u l-instabbiltà ekonomika. Dawn xekklu l-progress fl-indirizzar tan-nuqqas ta' żvilupp u n-nuqqas ta' ikel sustanzjuż (ara l-paragrafu [84](#)).
- 22** Is-sostenibbiltà kienet l-aktar evidenti fejn il-benefiċjarji kkontribwew finanzjarjament u ħadu s-sjieda tal-proġetti, u b'hekk saħħew il-ħtieġa li l-komunità tiġi involuta ħafna aktar. B'kuntrast ma' dan, lakuni ewlenin bħal integrazzjoni insuffiċjenti tal-Gvern, dipendenza mid-donaturi u nuqqas ta' għoti ta' segwitu fuq l-eżiti tal-proġetti xekklu l-vijabbiltà għal żmien twil tal-proġetti (ara l-paragrafi [76–83](#)).



Rakkomandazzjoni 5

Issaħħaħ is-sostenibbiltà tal-proġetti

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrikjedi li proġetti għall-iżvilupp ikunu jinkludu strateġija li tkun iddefinita sew u sensittiva għall-kuntest. Dan biex is-sistemi u l-kapaċitajiet lokali jissaħħu b'mod sostenibbli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni ssaħħaħ ukoll il-qafas tagħha billi tivvaluta, meta jkun xieraq, is-sostenibbiltà tal-proġetti minn 6 xhur sa sena wara li jitlestew.

Data immirata għall-implimentazzjoni: 2027

02

</

- 25** Il-proċess ta' programmazzjoni jikkonsisti fit-tnejn u l-adozzjoni ta' programmi indikattivi pluriennali (MIPs) nazzjonali u reġjonali. Il-programmi tal-pajjiżi jiddefinixxu "setturi fokali" (għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, stabbiliti fi programmi indikattivi nazzjonali) jew "oqsma ta' prijorità" (għall-perjodu 2021–2027, stabbiliti fl-MIP ta' kull pajjiż sieħeb) u jistabbilixxu l-kontribuzzjoni finanzjarja globali għall-pajjiż ikkonċernat. Fl-2023, aħna ppubblikajna [rapport speċjali dwar il-programmazzjoni tal-NDICI](#) li jiddeskrivi l-proċess, jidentifika n-nuqqasijiet u jagħmel rakkomandazzjonijiet għal titjib.
- 26** Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027, il-Kummissjoni evalwat il-ħtiġijiet tal-pajjiżi sħab f'kollaborazzjoni mal-gvernijiet nazzjonali, sa fejn kien possibbli, permezz ta' djalogu dwar il-politika settorjali, filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni l-ambjent xi kultant volatili u fraġli. Barra minn hekk, meta abbozzat id-dokumenti ta' programmazzjoni tagħha, il-Kummissjoni qieset il-pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali u l-istrateġiji settorjali. Għall-pajjiżi li żorna sibna li l-pjanijiet u l-istrateġiji nazzjonali ta' żvilupp kienu allinjati mal-oġettivi tal-politiki tal-UE dwar is-sigurtà tal-ikel, in-nutrizzjoni jew is-sistemi tal-ikel.
- 27** Madankollu, matul il-proċess ta' programmazzjoni għall-perjodu 2021–2027, il-Kummissjoni ma koprietx is-sitwazzjoni rigward l-insigurtà tal-ikel, il-malnutrizzjoni jew is-sistemi tal-ikel fil-valutazzjonijiet tal-pajjiżi tagħha qabel ma ddeċidiet jekk tiddeżinjax dawn l-oqsma bħala prijoritajiet fid-dokumenti ta' programmazzjoni tagħha. Sibna li għal 11-il pajjiż sub-Saħarjan, dawn l-oqsma tematiċi ma tqisux bħala prijorità minkejja l-prevalenza, fi gradi differenti, ta' insigurtà tal-ikel u ta' malnutrizzjoni. Madankollu, raġuni waħda għaliex dawn il-problemi ma ġewx inklużi b'mod espliċitu fid-dokumenti ta' programmazzjoni hija li dawn ġew indirizzati indirettament bħala parti minn oqsma tematiċi usa' (ara l-paragrafu [29](#)).
- 28** Minkejja li l-informazzjoni rilevanti hija disponibbli, il-Kummissjoni ma mmiratx b'mod sistematiku l-azzjonijiet tagħha lejn il-kawżi ewlenin tal-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni fl-Afrika sub-Saħarjana matul il-fażi tat-tfassil (ara l-paragrafu [46](#)). Dan naqqas l-effettività tal-appoġġ. Il-Kummissjoni ma għandhiex metodoloġija ċara, ibbażata fuq kriterji speċifiċi u rilevanti, biex tidentifika u timmira lejn il-pajjiżi li huma l-aktar fil-bżonn ta' appoġġ fis-sokkors mill-ġuħ.

Il-proċess ta' programmazzjoni tal-Kummissjoni: bidla fil-fokus mis-sigurtà tal-ikel għal sistemi tal-ikel sostenibbli

- 29** Fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti, is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni tqiesu bħala setturi fokali. Madankollu, fil-perjodu attwali, il-Kummissjoni tiffoka aktar fuq is-sistemi tal-ikel akkwatiċi u agrikoli sostenibbli (SAAFS). Għalhekk, l-azzjonijiet ta' żvilupp tal-Kummissjoni għall-ġlieda kontra l-ġuħ huma parzjalment koperti f'oqsma tematiċi usa', f'konformità mal-[prijoritajiet tal-Kummissjoni għas-sħubijiet internazzjonali tal-UE](#), bħall-oqsma ta' prijorità "trasformazzjoni ekoloġika", "ekonomija ekoloġika u reżiljenti", "patt ekoloġiku" jew "tkabbir inklużiv u sostenibbli". Il-fatt li l-oqsma ta' prijorità/is-setturi fokali magħżula fid-dokumenti ta' programmazzjoni tal-pajjiżi huma tant wesgħin jillimita l-fokus strateġiku tal-finanzjament mill-UE u jirriskja li dan ixerrdu b'mod wiesa' wisq, u b'hekk inaqqas l-impatt tiegħu.
- 30** Sibna wkoll li minkejja livelli għoljin ta' nuqqas ta' żvilupp (jiġifieri tul baxx meta mqabbel mal-età, imkejjel fi tfal taħt il-5 snin) u rquqija żejda (meta t-tfal ikunu rqaq wisq għat-tul tagħhom) fl-Afrika sub-Saħarjana, il-fokus tal-aġenda politika tal-UE fuq in-nutrizzjoni qed jonqos. Għalhekk, il-kriżijiet strutturali u persistenti f'dak li jikkonċerna n-nutrizzjoni spiss qed jtilfu l-prominenza billi tingħata prijorità lill-appoġġ għall-ktajjen tal-valur u s-sistemi tal-ikel. Hemm riskju li din il-bidla fil-fokus tista' twassal biex il-problema tad-defiċjenzi nutrizzjonali kroniċi tiġi injorata u tipperikola l-progress miksub sa issa.
- 31** Din il-bidla fil-fokus hija msaħħa permezz tal-inizjattiva [Global Gateway](#) tal-Kummissjoni, li tagħti prijorità lil oqsma oħra ta' politika bħall-klima u l-enerġija, id-diġitalizzazzjoni, it-trasport, is-saħħa, l-edukazzjoni u r-riċerka. Għalhekk, il-proġetti tal-Global Gateway ma qisux l-insigurtà tal-ikel jew il-malnutrizzjoni direttament bħala oqsma ta' politika.

L-immirar tar-reġjuni u l-gruppi tal-popolazzjonijiet fil-livell tal-pajjiż

- 32** Id-dokumenti ta' programmazzjoni tal-Kummissjoni, kif ukoll id-dokumenti ta' azzjoni għal kull proġett, jippromwovu soluzzjonijiet sostenibbli biex jiġi indirizzat il-ġuħ, bħall-appoġġ lill-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira, it-tiżiż tal-produttività agrikola jew il-promozzjoni ta' sistemi tal-ikel reżiljenti. Dawn l-oġettivi, għalkemm pjuttost wesgħin, jallinjaw mal-[politika tal-UE dwar is-sigurtà tal-ikel](#) u mal-qafas [NDICI — Ewropa Globali](#).
- 33** Ir-[Regolament NDICI-Ewropa Globali](#) jirrikjedi li l-MIPs jistabbilixxu oqsma ta' prijorità u allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi, kemm għall-pjan fl-intier tiegħu kif ukoll għal kull qasam ta' prijorità. Il-MIPs ma jiġġustifikawx id-distribuzzjoni tal-finanzjament bejn iż-żoni ta' prijorità, il-gruppi tal-popolazzjoni jew iż-żoni ġeografiċi fil-pajjiż ikkonċernat, billi kienu tnejjew qabel ma kienu magħrufa l-allokazzjonijiet finanzjarji speċifiċi għal kull pajjiż.

- 34** Meta vvalutajna l-MIPs, aħna nnutajna li l-Kummissjoni kienet ipprovdiet finanzjament għal attivitajiet relatati mal-SAAFS fi kważi l-pajjiżi sub-Saħarjani kollha. Madankollu, ma kien hemm l-ebda valutazzjoni preliminari tal-impatt potenzjali ta' finanzjament ta' dan it-tip qabel l-allokazzjoni tiegħu. Għalhekk, il-valutazzjonijiet attwali tax-xenarju tas-sigurtà tal-ikel ma jidentifikawx l-oqsma jew it-tipi ta' proġetti li għandhom l-akbar probabbiltà li jiġġeneraw valur miżjud. Dan joħloq riskju għall-effettività u l-impatt li jkun għal żmien twil tal-attivitajiet ta' żvilupp tal-Kummissjoni.
- 35** L-eżaminar li wettaqna tal-proġetti inklużi fil-kampjun żvela li, f'xi każijiet, iż-żoni u l-gruppi tal-popolazzjoni fil-mira ma kinux daww l-aktar pertinenti. Ara l-**Kaxxa 1** għall-eżempji u l-**Anness II** għal ħarsa ġenerali lejn il-proġetti inklużi fil-kampjun.

Kaxxa 1


Immirar inadegwat ta' żoni ġeografiċi jew gruppi tal-popolazzjoni

Proġett 2 — L-Etjopja

Il-proġett għandu l-għan li jappoġġa programmazzjoni effettiva għas-sigurtà tal-ikel, in-nutrizzjoni u r-reżiljenza fl-Etjopja. Madankollu, l-ewwel komponent tal-proġett fl-2022 (il-produzzjoni u t-tixrid ta' evidenza dwar is-sigurtà tal-ikel, l-għajxien u l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri) kien immirat lejn distretti li ma kinux qed jesperjenzaw insigurtà akuta tal-ikel f'dak iż-żmien, aktar milli żoni fejn kienet meħtieġa azzjoni aktar urġenti (ara l-**Figura 2**).

L-immirar tat-tieni komponent tal-proġett, relatat ma' twissijiet bikrija dwar il-kundizzjoni u s-saħħa tal-bhejjem, kien aktar preċiż u effettiv, u l-biċċa l-kbira mir-reġjuni magħżula kienu kklassifikati bħala reġjuni li jinsabu f'"emerġenza". Madankollu, iż-żoni fil-mira kienu jinkludu tnejn li ġew ikklassifikati bħala "taħt stress" (aktar milli fi "kriżi" jew "emerġenza") minħabba l-volatilità u r-riskji għas-sigurtà tal-ikel. B'kuntrast ma' dan, xi żoni li diġà qed iħabbtu wiċċhom ma' kriżi jew kundizzjonijiet ta' emerġenza ma ngħatawx prijorità, minkejja li l-ħtiġijiet tagħhom kienu aktar urġenti.

Figura 2 | Proġett 2 L-Etjopja — Żoni ta' Intervent



Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* mill-Kummissjoni u *data* min-Network ta' Sistemi ta' Twissija Bikrija f'każijiet ta' Karestija għall-Etjopja fl-2022.

Sors tal-mappa: [lesniewski](#).


Proġett 6 — L-Etjopja

Dan il-proġett għandu l-għan li jnaqqas l-insigurtà tal-ikel fl-Etjopja billi jiffoka fuq attivitajiet agrikoli reżiljenti u jtejjeb il-produttività permezz tal-iżvilupp sostenibbli tas-settur taż-żrieragħ. Għalkemm l-oġettiv primarju tal-proġett huwa li jtejjeb is-sigurtà tal-ikel, il-kriterji ta' mmirar iffukaw fuq żoni milquta minn kunflitti, l-aċċessibbiltà, il-vulnerabbiltà u l-parteċipazzjoni agrikola, iżda ma kinux jinkludu livelli reali ta' insigurtà tal-ikel. B'riżultat ta' dan, ir-reġjuni b'insigurtà tal-ikel minima jew bl-ebda insigurtà tal-ikel irċevew iż-żrieragħ (il-[Figura 3](#)). Dan imminna l-kapaċità tal-proġett li jilħaq il-potenzjal tiegħu.

Figura 3 | Proġett 6 L-Etjopja — Żoni ta' Intervent

Klassifikazzjoni tas-sigurtà tal-ikel fl-2024

- Karestija
- Emerġenza
- Kriżi
- Taħt stress
- Minima



Wag Hemra għandha diversi żoni kklassifikati bħala żoni li jinsabu fi kriżi. Minkejja dan, ir-reġjun ma rċieva l-ebda żerriegħa, parzjalment minħabba sitwazzjoni ta' sigurtà li qed tiddeterjora.

Ir-reġjun ta' Tigray ibati minn insigurtà tal-ikel akuta u, għustament, kien fil-mira. Madankollu, il-kriterji għad-distribuzzjoni taż-żerriegħa fil-livell municipli ma kinux jinkludu livelli ta' insigurtà tal-ikel jew malnutrizzjoni.

Iż-żona tal-Gondar tal-Punent irċeviet 6 % tad-distribuzzjoni totali taż-żerriegħa, minkejja li ma kinitx f'sitwazzjoni ta' insigurtà akuta tal-ikel.

Iż-żona ta' Wollo t'Isfel irċeviet 39 % taż-żrieragħ kollha li twasslu fir-reġjun. Iż-żona tospita biss 14 % tal-popolazzjoni tar-reġjun u mhux iż-żoni kollha tqiesu li kienu f'sitwazzjoni ta' insigurtà tal-ikel.

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* mill-Kummissjoni u *data* min-Network ta' Sistemi ta' Twissija Bikrija f'każijiet ta' Karestija għall-Etjopja fl-2024.


Sors tal-mappa: [lesniewski](https://www.lesniewski.com).

Proġett 4 — Il-Kenja

Il-programm Agri-Fi jallinja mas-settur fokali “Is-sigurtà tal-ikel u r-reżiljenza għax-xokkijiet klimatiċi f'artijiet aridi u semiaridi (ASALs)” tal-programm indikattiv nazzjonali tal-Kenja taħt il-11-il FEŻ. Dan joffri lill-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira appoġġ komprensiv biex jintegraw fil-ktajjen tal-valur agrikoli. Il-programm jikkonsisti minn erba' komponenti (il-proġetti 1, 4, 5 u 8).

It-tieni komponent (il-proġett 4) għandu l-għan li jsaħħaħ il-kapaċitajiet tal-atturi tul ktajjen tal-valur magħżula permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ tekniċi u vokazzjonali fil-qasam agrikolu. Barra minn hekk, huwa fittex li jtejjeb il-kapaċità tas-settur privat fil-livell tal-kontej biex jinforza l-istandards tas-saħħa tal-annimali, tas-sikurezza tal-ikel u tas-saħħa tal-pjanti. Madankollu, id-dokumentazzjoni tal-ippjanar tal-proġett ma tispeċifika l-ebda mmirar tal-ASALs. Fl-2019, il-proġett kellu fil-mira 13-il kontea. Minn dawn il-kontej, erbgħa biss kienu kklassifikati bħala ASALs f'dak iż-żmien (ara l-[Figura 4](#)).

Figura 4 | Proġett 4 IL-KENJA — Żoni ta' Intervent



Sors: il-QEA, abbażi ta' data mill-Kummissjoni, data dwar il-Klassifikazzjoni Integrata tal-Fażi tas-Sigurtà tal-Ikel u artijiet aridi u semiaridi għall-Kenja fl-2019.

Sors tal-mappa: l-Eurostat.

Għalkemm il-proġetti kienu allinjati mal-politiki tal-UE u ma' daww tal-pajjiżi sħab, il-fasla tagħhom kellha d-dgħufijiet

- 36** Il-fasla tal-proġett hija mibnija fuq fehim komprensiv tal-kuntest, objettivi ċari, u involviment attiv tal-partijiet ikkonċernati. Hija tinkludi komponenti ewlenin bħall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet, l-għażla ta' sieħeb ta' implimentazzjoni xieraq, l-allokazzjoni tar-riżorsi u t-tfassil ta' strateġiji ta' implimentazzjoni mfassla apposta għal sfidi speċifiċi. Proġetti effettivi jinkludu wkoll mekkaniżmi ta' monitoraġġ u oqfsa loġiċi biex jiġi segwit il-progress u jittieħdu passi biex żgur ikun hemm obbligu ta' rendikont. Il-pjanijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju huma kruċjali biex żgur ikun hemm adattabbiltà għaċ-ċirkustanzi li jinbidlu. Fit-taqsimiet ta' hawn taħt, aħna nipprovdu ħarsa ġenerali lejn il-problemi identifikati fir-rigward tad-diversi komponenti tal-fasla tal-proġetti magħżula.

Għażla ta' proġetti u sħab ta' implimentazzjoni

- 37** Is-sħab ta' implimentazzjoni ntgħażlu abbażi ta':

- (1) sejħa għal proposti; jew
- (2) l-eżistenza ta' monopolju legali (fil-każ ta' istituzzjonijiet tal-Gvern nazzjonali); jew
- (3) aġġudikazzjoni diretta (minħabba li jew ikunu kkofinanzjaw il-proġett jew kienu elenkati b'mod espliċitu bħala sħab ta' implimentazzjoni fid-dokument ta' azzjoni).

Għal proġetti implimentati taħt ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni vvalutat il-kapaċità amministrattiva, teknika u finanzjarja tal-applikanti. Sibna li s-sħab ta' implimentazzjoni ġeneralment kellhom il-kapaċità amministrattiva, operazzjonali u finanzjarja meħtieġa biex jimplimentaw il-proġetti eżaminati.

- 38** Madankollu, l-eżaminar li wettaqna tal-proġett 1 fl-Etjopja żvela li d-dokument ta' azzjoni kien jinkludi pjanijiet għal awditu tas-sistemi inizjali tal-applikanti prinċipali u tal-koapplikanti permezz ta' kuntratt qafas qabel ma jiġi ffirmat kuntratt ta' għotja biex jitnaqqas ir-riskju li dawn l-applikanti ma jaġixxux fl-interessi tal-UE ("riskju fiduċjarju"). Minkejja li l-kuntratt ġie ffirmat fl-2019, dan l-awditu twettaq biss fl-2022 u rriżulta f'opinjoni avversa. Il-kuntratt — b'valur ta' EUR 10.5 miljun — għalhekk ma kellux jiġi ffirmat mas-sieħeb ta' implimentazzjoni. L-awditu tas-sistemi żvela nuqqasijiet b'rabta mal-kapaċità tas-sieħeb ta' implimentazzjoni. Li kieku dawn in-nuqqasijiet ġew indirizzati qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt, setgħu jiġu evitati diversi problemi ta' prestazzjoni matul l-implimentazzjoni tal-proġett, bħal dewmien fir-rappurtar, problemi relatati mal-akkwist u dgħufijiet fil-kontrolli interni. Fi tliet proġetti oħra (il-proġett 1 fil-Kenja u l-proġetti 2 u 3 fiż-Żambja), innutajna wkoll dgħufijiet fis-sistema kif ukoll problemi bil-proċeduri ta' akkwist.

Valutazzjoni tal-kosteffettività

- 39** Il-Kummissjoni ma vvalutatx sistematikament ir-raġonevolezza tal-kostijiet tal-proġetti. Għal kważi l-proġetti kollha inklużi fil-kampjun tagħna, ma kien hemm l-ebda evidenza li l-Kummissjoni jew id-delegazzjonijiet tal-UE analizzaw il-baġit tal-proġetti fi kwalunkwe livell ta' dettall. Il-Kummissjoni serrħet għalkollox fuq informazzjoni ġenerali pprovduta fir-rapporti ta' progress tal-proġetti u fuq l-ispejgazzjonijiet li s-sħab ta' implimentazzjoni pprovdew bil-fomm. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma qabblitx kostijiet simili bejn proġetti differenti jew ma kkalkulatx il-kost għal kull beneficijarju. Dan iquegħed f'riskju l-effiċjenza tal-proġetti.
- 40** Il-biċċa l-kbira mill-proġetti inklużi fil-kampjun irċevew il-kostijiet indiretti massimi permissibbli (7 % tal-kostijiet diretti tal-proġett). Il-Kummissjoni ma qajmet l-ebda oġġezzjoni jew mistoqsija meta s-sħab ta' implimentazzjoni talbu din ir-rata. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda evidenza li l-Kummissjoni vvalutat ir-raġonevolezza ta' dawn il-kostijiet.

L-allinjament tal-proġetti mal-prijoritajiet nazzjonali, il-politiki tal-UE u l-ħtiġijiet tal-gruppi fil-mira

- 41** Il-proġetti kollha inklużi fil-kampjun tfasslu f'konformità mal-istrategġija u l-pjanijiet ta' żvilupp tal-pajjiżi rispettivi. Dan l-allinjament isaħħaħ ir-rilevanza u l-impatt potenzjali tal-proġetti billi joħloq il-kundizzjonijiet biex dawn żgur jappoġġaw il-prijoritajiet nazzjonali tal-pajjiżi u jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-popolazzjonijiet tagħhom. Il-proġetti ġew allinjati wkoll mad-dokumenti ta' programmazzjoni tal-Kummissjoni.
- 42** Il-ħtiġijiet tal-benefiċjarji huma sinifikanti u persistenti maż-żmien. Minħabba l-firxa ta' dawn il-ħtiġijiet, u l-involvement tal-partijiet rilevanti kollha — inklużi l-Gvern, il-partijiet ikkonċernati, u donaturi oħra — matul il-fażi tat-tfassil tal-proġett, il-proġetti kollha kienu strutturati b'tali mod li jindirizzaw il-ħtiġijiet rilevanti tal-benefiċjarji.
- 43** Aħna sibna li d-durati tal-proġetti spiss kienu qosra wisq biex jiġġeneraw bidla dejjiema għal attivitajiet, bħal varjetajiet ġodda ta' żrieragħ jew biex attivitajiet kummerċjali ġodda jkollhom impatt fuq ir-rendimenti u l-introjt tal-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira jew tan-negozji agrikoli (ara l-paragrafi [76–83](#)).

- 44** Aħna nnutajna li, għall-proġetti kollha, ġew stabbiliti kumitati ta' tmexxija tal-proġetti (li jinvolve rappreżentanti tal-Gvern) jew gruppi ta' ħidma tekniċi. Madankollu, il-biċċa l-kbira mill-proġetti tfasslu mingħajr l-involviment tal-popolazzjoni lokali. Fid-dawl tal-fatt li huma l-benefiċjarji aħħarin, jinsabu f'pożizzjoni tajba biex jipprovdu input siewi dwar ir-restrizzjonijiet potenzjali u l-aktar ħtiġijiet urġenti. Madankollu, ċirkustanzi speċifiċi xi drabi jistgħu jikkumplikaw il-konsultazzjoni diretta mal-mexxejja tal-komunità lokali.
- 45** F'xi każijiet, dan in-nuqqas ta' involviment, kif ukoll dgħufijiet oħra fit-tfassil, dgħajfu s-sostenibbiltà jew l-implimentazzjoni effettiva tal-proġetti. Ara l-**Kaxxa 2** għal stampa ġenerali.

Kaxxa 2

Difetti fil-fasla li jimminaw l-implimentazzjoni u s-sostenibbiltà effettivi tal-proġetti

Il-Kenja (il-proġetti 1, 4, 5 u 8) u ż-Żambja (il-proġetti 1, 3, 4 u 5)

Kemm fil-Kenja (il-proġetti 1, 4, 5 u 8) kif ukoll fiż-Żambja (il-proġetti 1, 3, 4 u 5), diversi proġetti jikkontribwixxu għall-istess objettiv kumplessiv. Madankollu, dawn ġew implimentati f'sajlos mingħajr ma nkisbu komplementarjetajiet jew sinerġiji.

Il-proġett 8 fil-Kenja u l-proġett 4 fiż-Żambja kienu maħsuba biex jipprovdu self b'termini favorevoli lill-applikanti għall-proġett 1 fil-Kenja u l-proġett 3 fiż-Żambja. Dan is-self kien maħsub biex jgħin lill-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira jespandu jew jiddiversifikaw in-negozji tagħhom, filwaqt li jappoġġa reżiljenza akbar u aktar opportunitajiet ta' introjtu. Madankollu, dan is-self sar disponibbli biss sentejn wara d-data tal-bidu ta' dawk il-proġetti. B'riżultat ta' dan, il-benefiċjarji intenzjonati ma setgħux jibqgħu jieħdu vantaġġ minnhom. Għalhekk, il-klijenti eżistenti tal-bank spiċċaw jibbenefikaw mis-self. Dan ma kienx l-iskop intenzjonat tal-proġett. Barra minn hekk, il-proġetti fiż-Żambja ma kisbux rabta mas-swieq tal-input (bħal dawk għaż-żrieragħ u l-makkinarju) jew għas-swieq tal-output/tal-bejgħ.

Proġett 5 — Il-Kenja

F'waħda mill-attivitajiet appoġġati mill-proġett, il-benefiċjarji rċewew żrieragħ reżiljenti għall-klima għal sentejn u raw riżultati pożittivi, inklużi żieda fil-ħsad u kwalità aħjar tal-għelejjel. Madankollu, minħabba l-pożizzjoni ġeografika remota tagħhom, ma setgħux jaċċessaw dawn iż-żrieragħ wara li ntemm il-proġett. Barra minn hekk, il-benefiċjarji ma kellhomx għodod essenzjali, bħal tili li fuqhom jitnixxfu ż-żrieragħ u bexxiexa għat-trattament tal-pesti tal-għelejjel. Meta rnexxielhom jiksbu bexxiexa, l-għelejjel kienu diġà ntilfu. Skont il-benefiċjarji li intervistajna fuq il-post, xi wħud minn dawn il-problemi setgħu jiġu mmitigati li kieku huma ġew ikkonsultati matul it-tfassil tal-proġett.

Proġett 1 — Iż-Żambja

Il-proġett kelli l-għan li jintroduċi tekniki innovattivi għall-ġbir tal-ilma. Fil-prattika, madankollu, l-ispiri saru l-metodu primarju użat. Filwaqt li l-proġett ipprova tagħmir bħal tankijiet tal-ilma, pajpijiet għat-tisqija u pompi solari, dawn jeħtieġu manutenzjoni lil hinn mill-ambitu tal-proġett. Il-komunitajiet ma kellhomx il-fondi biex dan iżommuh f'kundizzjoni tajba, u jkollhom jivvjaġġaw lejn il-belt kapitali biex isibu l-ispare parts meħtieġa. Barra minn hekk, il-fasla tal-proġett ma pprovdiet l-ebda rabta mal-aċċess għall-finanzjament jew għas-swieq.

Kawżi ewlenin, forzi mexxejja u flessibbiltà

- 46** Kif innutajna fil-paragrafu 28, u minkejja l-parteciġazzjoni f'inizjattivi globali mmirati lejn l-avvanz tal-għarfien dwar is-sigurtà tal-ikel (il-paragrafu 57), il-Kummissjoni ma għamlitx użu suffiċjenti mill-għarfien disponibbli dwar il-kawżi ewlenin tal-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni fl-Afrika sub-Saħarjana (it-tibdil fil-klima, il-kunflitti, il-kriżi ekonomika, il-kapaċitajiet u l-finanzjament baxxi fil-livell nazzjonali, il-livell għoli ta' faqar u l-inugwaljanzi) meta fasslet il-proġetti. Kienu sitta biss il-proġetti fil-kampjun tagħna li indirizzaw il-kawżi ewlenin direttament (pereżempju billi ffukaw fuq l-impatt tat-tibdil fil-klima billi appoġġaw, pereżempju, il-kostruzzjoni ta' diġi tar-ramel, l-applikazzjoni ta' tekniki għall-ġbir tal-ilma jew l-għoti ta' aċċess għal ilma ta' kwalità għolja), filwaqt li erbgħa oħra indirizzawhom parzjalment jew indirettament (eż. billi naqqsu l-faqar permezz ta' żieda fl-introjt jew żieda fir-rendimenti ta' għelejjel fil-mira). It-12-il proġett li jifdal, filwaqt li pprovdew appoġġ rilevanti, iffukaw primarjament fuq l-issodisfar tal-ħtiġijiet bażiċi u l-mitigazzjoni tas-sintomi tal-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni — bħall-faqar, il-produttività agrikola baxxa jew l-aċċess limitat għall-inputs — minflok indirizzaw il-kawżi strutturali sottostanti tagħhom.

47 Il-proġetti umanitarji għandhom flessibbiltà akbar meta mqabbla ma' proġetti ta' żvilupp, billi jistgħu jużaw modifikaturi tal-kriżi (aġġustamenti finanzjarji jew operazzjonali temporanji għal proġetti minħabba kundizzjonijiet eċċezzjonali ta' kriżi) u riżervi ta' emerġenza biex jadattaw għal ċirkustanzi li qed jinbidlu. Filwaqt li l-proġetti ta' żvilupp ukoll jistgħu jinkludu modifikaturi tal-kriżi, l-ebda wieħed mill-proġetti li rrieżaminajna ma kellu minnhom. Għalkemm xi proġetti ta' żvilupp kellhom riżerva ta' kontinġenza (limitata għal massimu ta' 5 % tal-baġit tal-proġett), aħna nqisu li dawn ir-riżervi kienu ġeneralment insuffiċjenti biex jindirizzaw avvenimenti sinifikanti mhux previsti b'mod effettiv. Pereżempju, il-proġett 1 fl-Etjopja uża r-riżerva ta' kontinġenza kollha tiegħu b'rispons għall-COVID-19. B'hekk, huwa spiċċa mingħajr ebda buffer finanzjarju kontra avvenimenti mhux previsti oħra għall-bqija tal-implimentazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, fiż-Żambja, li kieku l-proġett kellu fasla aktar flessibbli, pereżempju, dan seta' jkun ta' benefiċċju fir-rispons għan-nixfiet tal-2024. Dan seta' jinkiseb billi l-modifikaturi tal-kriżi jiġu inkorporati fl-interventi ta' żvilupp b'mod sistematiku biex żgur ikun hemm fondi flessibbli disponibbli ħalli jiġu appoġġati s-sħab huma u jżidu r-risponsi ta' emerġenza f'każ ta' xokkijiet. Għalhekk, inqisu li l-fasla tal-proġetti ta' żvilupp attwali ma għandhiex biżżejjed flessibbiltà biex tirrispondi b'mod effettiv għal avvenimenti mhux previsti bħal nixfiet, għargħar jew kunflitti.

L-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni kienu siewja u kkoordinati b'mod sodisfaċenti, iżda ma kinux iffukati biżżejjed fuq l-impatt u s-sostenibbiltà

48 Aħna vvalutajna jekk il-Kummissjoni kinitx implimentat l-azzjonijiet b'mod effettiv. Għal din it-taqsim, eżaminajna jekk:

- il-Kummissjoni kinitx ikkoordinat l-azzjonijiet tagħha sew, kemm internament kif ukoll ma' donaturi oħra;
- il-Kummissjoni kinitx implimentat u mmonitorjat il-proġetti b'mod adegwat; u
- il-proġetti kinux kisbu r-riżultati u l-impatt mistennija tagħhom.

Il-koordinazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-azzjonijiet tagħha kienet sodisfaċenti

Ir-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp

- 49** L-UE hija impenjata li timplimenta l-[approċċ tar-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp](#), strateġija li tgħaqqad l-għajnuna umanitarja ta' emerġenza ma' sforzi ta' żvilupp għal żmien twil biex jinħolqu soluzzjonijiet sostenibbli għall-kriżijiet. Minflok ma tittratta d-diżastri u l-kunflitti bħala avvenimenti iżolati, l-UE għandha l-għan li tindirizza kemm il-ħtiġijiet immedjati (bħall-ikel) kif ukoll il-kawżi sottostanti (bħall-faqar jew it-tibdil fil-klima). Dan l-approċċ huwa mfassal biex jgħin lill-pajjiżi jsiru aktar reżiljenti u biex inaqqas id-dipendenza tagħhom fuq għajnuna umanitarja ripetuta. L-impatt tiegħu jista' jinkludi istituzzjonijiet aktar b'saħħithom, għajxien imtejjeb u prevenzjoni aħjar tal-kriżijiet, li fl-aħħar mill-aħħar irawmu l-istabbiltà u l-awtodipendenza fir-reġjuni milquta.
- 50** Il-Kummissjoni stabbiliet [qafas robust](#) għar-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp, li jiddeskrivi l-passi ewlenin biex din tibda topera. Madankollu, l-implimentazzjoni fil-livell tal-pajjiż tvarja b'mod sinifikanti, u l-eżekuzzjoni Prattika għadha dgħajfa minħabba li ngħata segwitu insuffiċjenti fuq il-passi meħtieġa. Il-biċċa l-kbira mill-pajjiżi sub-Saħarjani ma għandhomx analiżi konġunta tal-kuntest, ippjanar konġunt u mmappjar tal-azzjonijiet. Filwaqt li huma kumplessi u jużaw ħafna riżorsi, dawn l-elementi huma essenzjali biex ir-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp tibda topera b'mod effettiv.
- 51** Kien biss fi tliet pajjiżi sub-Saħarjani (iċ-Chad, l-Etjopja u s-Sudan) li d-delegazzjonijiet tal-UE wettqu analiżi konġunta tal-kuntest. Hemm pjan ta' azzjoni konġunta għas-Sudan u l-Etjopja, filwaqt li iċ-Chad qed imexxi azzjonijiet konġunti f'żewġ provinċji.
- 52** Fil-proġetti inklużi fil-kampjun, aħna sibna li ġeneralment ftit li xejn kien hemm rabta bejn l-isforzi umanitarji u dawk għall-iżvilupp. B'riżultat ta' dan, approċċ tar-rabta ma ġiex applikat b'mod effettiv. Rabta diretta bejn l-isforzi għall-iżvilupp u dawk umanitarji kienet preżenti biss fi tlieta mill-proġetti inklużi fil-kampjun ([il-proġett 3 u l-proġett 6 fil-Kenja](#) u [l-proġett 2 fl-Etjopja](#)).
- 53** L-analiżi mhux fuq il-post li wettaqna sabet li żewġ pajjiżi kienu għamlu progress sinifikanti fil-implimentazzjoni tal-approċċ tar-rabta. Iċ-Chad, bħala pajjiż pilota f'din ir-rabta, irnexxielu jħaddem ir-rabta f'żewġ provinċji pilota, bl-involvement tal-partijiet ikkonċernati lil hinn mill-UE. Qabel il-kolp ta' stat f'Lulju 2023, in-Niġer kien għamel progress fit-tiżiħ tal-kapaċitajiet nazzjonali ta' rabta, inkluż l-istabbiliment ta' kumitat ta' rabta mmexxi mill-Gvern. B'kuntrast ma' dan, is-Sudan t'Isfel kellu strutturi ta' koordinazzjoni limitati filwaqt li ħabbat wiċċu wkoll ma' kriżi umanitarja severa.

- 54** L-implimentazzjoni tar-rabta hija kkumplikata minn diversi restrizzjonijiet strutturali, bħad-differenzi bejn iċ-ċikli ta' programmazzjoni, il-mandati u l-approċċi tad-DĠ INTPA u tad-DĠ ECHO. Sfida ewlenija oħra, minbarra l-finanzjament limitat disponibbli, hija li jkun hemm biżżejjed riżorsi umani, billi kemm il-passi ewlenin kif ukoll il-koordinazzjoni ta' kuljum tal-interventi tas-sistemi tal-ikel jeħtieġu investiment kontinwu mill-persunal tal-Kummissjoni. Mingħajru, hemm riskju li dawn isiru insostenibbli.

Inizjattivi tat-Tim Ewropa

- 55** Inizjattiva tat-Tim Ewropa (TEI) hija qafas kollaborattiv li jlaqqa' flimkien lill-UE, lill-Istati Membri tagħha, lill-aġenziji ta' implimentazzjoni tagħhom, u lill-istituzzjonijiet ta' finanzjament għall-iżvilupp biex jindirizzaw l-isfidi globali u jilħqu l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli (SDGs). It-TEIs għandhom l-għan li jiġbru flimkien ir-riżorsi, l-għarfien espert u l-kapaċitajiet biex jitwettqu azzjonijiet fuq skala kbira u b'impatt kbir fil-pajjiżi sħab, b'fokus fuq prijoritajiet kondiviżi.
- 56** Abbażi tal-[konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2022 dwar ir-rispons ta' Tim Ewropa għall-insigurtà globali tal-ikel](#), aħna eżaminajna kemm il-Kummissjoni u l-Istati Membri tal-UE ppjanaw u implimentaw tajjeb it-TEIs relatati mal-ikel fl-Afrika sub-Saħarjana. Sibna li s-sigurtà tal-ikel, is-sistemi tal-ikel u n-nutrizzjoni ma kinux fokus ewleni għat-TEIs. Lanqas ma kien hemm sistema unifikata għall-monitoraġġ tat-TEIs. Kull pajjiż u d-delegazzjonijiet tal-UE użaw il-metodi tagħhom stess. Dan wassal għal rappurtar inkonsistenti u sinerġiji limitati. B'riżultat ta' dan, il-qafas tat-TEIs sa issa baqa' kunċett teoretiku b'impatt prattiku limitat fuq is-sokkors mill-ġuħ.

Koordinazzjoni bejn l-UE, l-awtoritajiet nazzjonali u donaturi oħra

- 57** Il-Kummissjoni tappoġġa b'mod attiv firxa wiesgħa ta' inizjattivi globali mmirati lejn it-tisħiħ tal-koordinazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien fil-ġlieda kontra l-ġuħ. Permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji u għarfien espert, l-UE għandha rwol importanti f'diversi pjattaformi ewlenin, inkluż [in-Network Globali Kontra l-Kriżijiet tal-Ikel](#) u [l-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija](#). Dawn il-pjattaformi jipproduċu wkoll *data* ta' kwalità għolja biex jiggwidaw it-teħid ta' deċiżjonijiet infurmat. Sforzi sinifikanti oħra għall-bini tal-għarfien jinkludu [ċ-Ċentru tal-Għarfien dwar is-Sigurtà Globali Alimentari u Nutrizzjonali](#) u [l-inizjattiva DeSIRA](#), li tavvanza s-SAAFS permezz tax-xjenza u r-riċerka. Dawn iż-żewġ sforzi huma mmexxija mill-Kummissjoni. Fil-qasam tan-nutrizzjoni, il-Kummissjoni tiffinanzja inizjattivi [bħar-Rapport dwar in-Nutrizzjoni fid-Dinja](#), mekkaniżmu ta' obbligu ta' rendikont, u [l-pjattaforma Scaling Up Nutrition](#).

- 58** Fil-kuntest tal-proġetti kollha fil-kampjun tagħna, saru laqgħat regolari ta' koordinazzjoni li jinvolve delegazzjonijiet tal-UE, awtoritajiet nazzjonali u donaturi oħra. Barra minn hekk, id-delegazzjonijiet tal-UE raw li żgur saret interazzjoni konsistenti mas-sħab ta' implimentazzjoni permezz ta' laqgħat kemm formali kif ukoll informali, għalkemm mhux dawk il-laqgħat kollha ġew iddokumentati. Kien hemm ukoll diviżjoni ċara tar-responsabbiltajiet fost l-awtoritajiet nazzjonali u d-donaturi.

Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proġetti kien fil-biċċa l-kbira insuffiċjenti

- 59** Il-proċess ta' monitoraġġ tal-proġetti ffinanzjati mill-UE jinvolve taħlita ta' rappurtar regolari, żjarat fuq il-post, u konsultazzjonijiet tas-sħab ta' implimentazzjoni. Is-sħab ta' implimentazzjoni huma meħtieġa jippreżentaw rapporti ta' progress perjodiċi li jagħtu dettalji dwar l-attivitajiet, l-outputs u n-nefqa. Dawn jiġu rieżaminati mid-delegazzjonijiet tal-UE. Jistgħu jitwettqu wkoll evalwazzjonijiet indipendenti jew awditi ta' verifikazzjoni finanzjarja esterni biex tiġi vverifikata l-preċiżjoni tal-informazzjoni rrappurtata u tiġi vvalutata l-prestazzjoni tal-proġetti. It-taqsimiet ta' hawn taħt jippreżentaw il-valutazzjoni li wettaqna tad-diversi komponenti tal-proċess ta' monitoraġġ.


Implimentazzjoni tal-proġetti u missjonijiet ta' monitoraġġ

- 60** Madwar nofs il-proġetti inklużi fil-kampjun tagħna ltaqgħu ma' dewmien matul l-implimentazzjoni tagħhom (ara l-[Figura 5](#)). Skont l-analiżi li għamilna, l-aktar raġunijiet komuni għad-dewmien kienu l-COVID-19, il-kapaċità baxxa tas-sieħeb ta' implimentazzjoni, il-kapaċitajiet istituzzjonali limitati fl-istituzzjonijiet sħab, l-isfidi fil-qasam tal-akkwist, ir-restrizzjonijiet loġistiċi u l-bidliet fil-persunal fil-livell tal-Gvern. Meta seħħ dewmien, il-Kummissjoni rarament ħadet azzjoni korrettiva biex timmitigah u tindirizzah, ħlief meta tat estensjonijiet mingħajr kostijiet (jekk kien applikabbli).

61 Id-delegazzjonijiet tal-UE, is-sħab ta' implimentazzjoni u d-ditti tal-awditjar esterni wettqu żjarat biex jimmonitorjaw il-proġetti ffinanzjati mill-UE. Madankollu, aħna nqisu li d-delegazzjonijiet tal-UE ġeneralment ma wettqux biżżejjed żjarat ta' monitoraġġ. Dan illimita l-kapaċità tagħhom li jivverifikaw is-sitwazzjoni reali fuq il-post (ara l-[Figura 5](#)). Din il-limitazzjoni tolqot ukoll il-kapaċità tagħhom li jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-proġetti b'mod effettiv u li jieħdu azzjoni korrettiva f'waqtha meta jkun meħtieġ. Madankollu, nirrikonoxxu li taħlita ta' restrizzjonijiet f'dak li jikkonċerna l-loġistika, ir-riżorsi umani u s-sigurtà kulma jmur illimitat il-kapaċità ta' ħafna delegazzjonijiet tal-UE — b'mod partikolari f'żoni fraġli jew remoti — li jwettqu żjarat ta' monitoraġġ regolari. Minkejja l-għadd baxx ta' żjarat ta' monitoraġġ mid-delegazzjonijiet tal-UE, [monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati](#) twettaq biss għal madwar nofs il-proġetti inklużi fil-kampjun u ftit li xejn hemm evidenza li r-rakkomandazzjonijiet li rriżultaw ġew segwiti. Għal żewġ proġetti (il-[proġett 4 fl-Etjopja](#) u l-[proġett 3 fil-Kenja](#)), ġie ffirmat kuntratt għall-monitoraġġ minn parti terza.

Minħabba r-restrizzjonijiet ta' sigurtà, ħareġ li din kienet prattika tajba fl-Etjopja billi rriżultat fl-irkupru ta' ikel misruq.

Figura 5 | Missjonijiet ta' monitoraġġ tal-proġetti



Sors: il-QEA, ibbażat fuq data pprovduta mill-Kummissjoni.

- 62** Il-Kummissjoni ma wettqitx verifiki biex tivverifika r-raġonevolezza tal-kostijiet matul l-implimentazzjoni tal-proġetti. Madankollu, ħlief għal proġetti implimentati minn **entitajiet ivvalutati mill-pilastri** (jiġifieri dawk li l-Kummissjoni vvalutat bħala entitajiet li jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE sal-istess livell bħalma jsir għal proġetti taħt ġestjoni diretta), tqabbdet ditta tal-awditjar esterna biex twettaq verifiki tan-nefqa finanzjarja. Din id-ditta identifikat nefqa ineliġibbli għal erba' proġetti. Sussegwentement, din in-nefqa ġiet irkuprata biss għal wieħed minnhom. Fiż-żmien meta sar l-awditu, nefqa ineliġibbli li tammonta għal madwar EUR 496 000 għat-tliet proġetti l-oħra ma kinitx ġiet irkuprata.

- 63** L-awditu li wettaqna aħna stess identifika każijiet addizzjonali ta' nefqa ineliġibbli li kienu jammontaw għal EUR 673 000. Dawn il-każijiet kienu jikkonċernaw il-[proġett 3 fl-Etjopja](#) u l-[proġett 1 fil-Kenja](#). F'Ġunju 2025, id-delegazzjonijiet tal-UE ma kienu rkupraw l-ebda wieħed minn dawn il-kostijiet ineliġibbli.

Oqfsa loġiċi

- 64** Ir-riżultati tal-proġetti tkejlu bi tqabbil mal-miri stabbiliti fid-dokumenti ta' ppjanar magħrufa bħala "oqfsa loġiċi", li kienu jiffurmaw parti mill-ftehim amministrattiv. Madankollu, l-indikaturi kienu fil-biċċa l-kbira kwantitattivi, u kejl u l-outputs aktar ta' spiss mill-eżiti.
- 65** Aħna nnutajna dgħufijiet fl-oqfsa loġiċi ta' żewġ terzi tal-proġetti inklużi fil-kampjun. Barra minn hekk, il-linji bażi ma kinux ġew stabbiliti għall-indikaturi kollha f'nofs il-proġetti inklużi fil-kampjun qabel ma dawn bdew jiġu implimentati. Għalhekk, daww l-indikaturi ma jistgħux ikejlu l-impatt li jkun għal żmien twil tal-attivitajiet u ma jistgħux jiġu vvalutati mil-lat ta' kemm jistgħu jintlaħqu jew kemm huma rilevanti. Għal 10 proġetti, l-indikaturi ma ppermettewx li jitkejjel l-ilħuq tal-oġġettivi speċifiċi u ġenerali, billi jew ma kinux granulari biżżejjed jew ma kinux marbuta direttament ma' daww l-oġġettivi.

Qafas għar-rappurtar

- 66** Il-Kummissjoni, kif ukoll sħab oħra għall-iżvilupp, jirrapportaw dwar l-[għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp](#) mogħtija lill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) bl-użu tal-[kodiċijiet tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp \(DAC\)](#). Madankollu, ma hemm l-ebda metodoloġija miftiehma internazzjonalment biex jitkejjel il-finanzjament relatat mas-sigurtà tal-ikel, u ma jeżisti l-ebda kodiċi tad-DAC speċifiku għal dan l-għan. Minflok, il-Kummissjoni identifikat diversi kodiċijiet tad-DAC li hija tqis rilevanti.
- 67** Meta l-proġetti jkollhom bosta oġġettivi, dawn jistgħu jiġu kklassifikati, jingħaddu u jiġu rrapportati taħt diversi setturi. In-nuqqas ta' definizzjonijiet standardizzati, flimkien ma' differenzi bejn id-definizzjonijiet użati mid-donaturi, iwasslu għal stimi inkonsistenti. Dan joħloq sfidi biex jiġu identifikati oqsma mhux iffinanzjati biżżejjed, jittieħdu passi biex żgur ikun hemm obbligu ta' rendikont u jiġi ttraċċat l-impatt tal-interventi.

68 Għall-identifikazzjoni ta' azzjonijiet relatati man-nutrizzjoni, huma rilevanti żewġ metodoloġiji. Fil-perjodu **2014–2020**, il-Kummissjoni kkategorizzat l-infiq tal-proġetti jew bħala 25 % jew bħala 100 % relatat man-nutrizzjoni, skont id-daqs tal-komponenti relatati man-nutrizzjoni fi ħdan il-proġetti. Il-Kummissjoni ilha mill-2021 issegwi **l-linji gwida tal-OECD** dwar l-użu ta' indikatur ta' politika dwar in-nutrizzjoni. Dawn il-linji gwida jiddeskrivu metodu biex jitqies biss is-sehem relatat man-nutrizzjoni ta' kull proġett, iżda l-użu tagħhom mhuwiex obbligatorju. F'konformità mal-prattika ta' donaturi oħra, il-Kummissjoni għażlet li tikklassifika kwalunkwe proġett b'komponent ta' nutrizzjoni bħala 100 % relatat man-nutrizzjoni, irrispettivament mis-sinifikat reali ta' dak il-komponent. Dan wassal għal dikjarazzjoni eċċessiva tal-infiq relatat man-nutrizzjoni għal proġetti li fihom in-nutrizzjoni hija biss komponent minuri.

69 **Il-Qafas tar-Riżultati tal-Ewropa Globali** huwa l-qafas tal-Kummissjoni li bih hija tkejjel l-effettività u l-impatt tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE. L-għan tiegħu huwa li jipprovdi indikaturi ċari u li jistgħu jitkejlu biex itejjeb il-kapaċità tal-UE li turi lill-partijiet ikkonċernati r-riżultati tanġibbli tal-finanzjament li tipprovdi. Fir-rigward tal-ġlieda kontra l-guġ, erba' indikaturi huma speċifikament rilevanti, jiġifieri dawk marbuta mal-SDG 2 "Ebda Ġuħ" (ara t-**Tabella 1**). Madankollu, id-data mill-qafas iddikjarata fir-**rapport annwali tal-attività tal-Kummissjoni** dwar l-istrumenti ta' azzjoni esterna ma tirriflettix ir-riżultati miksuba, u tiddikjara l-outputs u l-eżiti b'mod insuffiċjenti, billi l-indikaturi tal-qafas mhumex integrati sew fil-proġetti. Barra minn hekk, ir-riżultati aggregati rrappurtati ma jinkludux il-pajjiżi kollha. Mit-22 proġett inklużi fil-kampjun tagħna, 18 ma użawx dawn l-indikaturi minkejja r-rilevanza tagħhom.

Tabella 1 | Indikaturi tal-SDG 2 għall-Qafas tar-Riżultati tal-Ewropa Globali

Indikatur	Deskrizzjoni
2.1	Għadd ta' bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira li għandhom aċċess għal interventi appoġġati mill-UE bl-għan li tiżdied il-produzzjoni sostenibbli tagħhom, l-aċċess għas-swieq u/jew is-sigurtà tal-art
2.2	Żoni ta' ekosistemi agrikoli u pastorali fejn ikunu ġew introdotti Prattiki ta' ġestjoni sostenibbli bl-assistenza tal-UE (ħa)
2.32	Għadd ta' persuni f'sitwazzjoni ta' insigurtà tal-ikel li jirċievu assistenza mill-UE
2.33	Għadd ta' nisa ta' età riproduttiva, tfajliet adoloxxenti, u tfal ta' inqas minn 5 snin li għandhom aċċess għal interventi relatati man-nutrizzjoni appoġġati mill-UE

L-affidabbiltà tad-*data* tal-proġetti

- 70** Minbarra li wettqu żjarat fuq il-post, id-delegazzjonijiet tal-UE rrieżaminaw ir-rapporti ta' progress tal-proġetti. Filwaqt li d-delegazzjoni tal-UE spiss talbet kjarifiki mis-sħab ta' implimentazzjoni fiż-Żambja, dan rarament kien il-każ fl-Etjopja u l-Kenja. Barra minn hekk, l-ebda wieħed mill-manigġers tal-proġetti tad-delegazzjoni tal-UE ma vverifika d-*data* sottostanti taċ-ċifri rappurtati fir-rapporti ta' progress. B'riżultat ta' dan, l-affidabbiltà taċ-ċifri ewlenin — bħall-għadd ta' impjiegi maħluqa għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira jew l-għadd ta' beneficijarji li ntleħqu — ma ġietx ivvalutata mill-Kummissjoni.
- 71** Matul iż-żjarat tagħna fuq il-post, skoprejna ftit każijiet ta' diskrepanzi bejn id-data fir-rapporti ta' progress u s-sitwazzjoni reali fuq il-post. Pereżempju, għall-proġett 1 fil-Kenja, ir-rapport finali jelenka kumpanija speċifika bħala beneficijarju. Madankollu, is-sejbiet tagħna indikaw li r-riċevitur reali tal-appoġġ kienet kumpanija oħra. Barra minn hekk, għall-proġett 6 fil-Kenja, ir-rapport ta' progress tal-proġett indika li diġa tar-ramel ippjanata kienet mistennija li taqdi lil 2 000 familja f'kundizzjonijiet normali u sa 7 000 familja f'kundizzjonijiet ta' nixfa massima. Madankollu, iż-żjara tagħna wriet li 200 unità domestika bbenefikaw direttament mill-proġett. Din kienet differenti miċ-ċifra ddikjarata fir-rapport ta' progress.

Viżibbiltà

- 72** Ir-riċevituri kollha tal-finanzjament mill-UE għandhom obbligu ġenerali li jirrikonoxxu l-orijini u jaraw li kwalunkwe finanzjament riċevut mill-UE żgur ikollu viżibbiltà. Għall-proġetti kollha eżaminati, il-[linji gwida dwar il-viżibbiltà](#) ġew maqbula kuntrattwalment. Matul l-implimentazzjoni tal-proġetti, is-sħab ta' implimentazzjoni baġtu pjan ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà lid-delegazzjonijiet tal-UE. Dawn il-pjanijiet identifkaw gruppi fil-mira u attivitajiet ta' komunikazzjoni għal kull grupp fil-mira, inklużi siti web, ritratti, filmati, artikli tal-istampa, oġġetti promozzjonali, sinjali u avvenimenti ta' ftuħ u għeluq. Madankollu, matul iż-żjarat tagħna fuq il-post, innutajna li r-regoli dwar il-viżibbiltà ma ġewx segwiti għalkollox f'diversi każijiet. Il-viżibbiltà tal-UE kienet tajba f'disa' każijiet iżda limitata f'sebgħa, u f'ħames każijiet ma kien hemm xejn viżibbiltà. Proġett wieħed kien għadu kif beda, u għalhekk kien kmieni wisq biex nivvalutaw il-viżibbiltà tal-UE fil-kuntest tiegħu.

L-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni, filwaqt li kienu siewja, kumplessivament kellhom riżultati mħallta

It-twassil tal-outputs u r-riżultati tal-proġetti

- 73** L-interventi tal-UE fl-Afrika sub-Saħarjana b'mod ġenerali kisbu riżultati mħallta. Diversi proġetti rnexxielhom iżidu l-kwalità u l-kwantità tal-ħsad tal-bdiewa u l-għadd ta' bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira li jkollhom impjeg, jew jipprovdu fehim aħjar tas-sitwazzjoni ġeoloġika jew tal-ġestjoni tal-art tal-pajjiżi. Madankollu, minkejja li indirizzaw il-ħtiġijiet bażiċi, dawn naqsu milli jindirizzaw rabtiet kritiċi mas-swieq, inklużi daww għall-bdiewa biex ibigħu l-ħsad tagħhom, jaċċessaw servizzi finanzjarji jew jiksibu inputs bħal żrieragħ u makkinarju. Dan in-nuqqas illimita l-kapaċità tal-benefiċjarji li jikkapitalizzaw bis-sħiħ fuq il-potenzjal tal-proġetti tagħhom biex inaqqsu l-faqar u l-inugwaljanza. In-nuqqas ta' konnessjonijiet ma' dawn is-swieq essenzjali jikkomprometti b'mod sinifikanti s-sostenibbiltà tal-proġetti.
- 74** Ivalutajna jekk l-outputs u r-riżultati ppjanati kinux inkisbu u jekk il-Kummissjoni kinitx rat li dawn żgur ikunu sostenibbli. L-[Anness III](#) jistabbilixxi l-valutazzjoni li wettaqna tal-proġetti f'termini tal-ħtiġijiet indirizzati, il-puntwalità, il-kosteffettività, il-monitoraġġ, ir-riżultati u s-sostenibbiltà. B'mod ġenerali, l-outputs ipplanati kienu twasslu, iżda l-impatt tal-proġetti mhuwiex imkejjel b'mod suffiċjenti. B'mod ġenerali, kien hemm rabta kawżali bejn l-attivitajiet tal-proġetti u r-riżultati miksuba.

Impatt fuq il-gruppi fil-mira

- 75** Iż-żjarat li wettaqna fuq il-post ikkonfermaw li l-proġetti kienu wasslu benefiċċji pożittivi għall-benefiċjarji — ara l-[Kaxxa 3](#) għal xi eżempji. Madankollu, mhuwiex possibbli li jintwera bis-sħiħ jekk il-proġetti kellhomx impatt dirett fuq is-sigurtà tal-ikel tal-benefiċjarji, billi l-eżiti tal-proġetti ma jitkejlux b'mod konsistenti jew preċiż. Kien hemm nuqqas ta' bażi ta' evidenza robusta biex jitkejlu ż-żieda fil-konsum ta' nutrijenti jew it-titjib fir-rendimenti ta' bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira, ħlief fil-każ tal-[proġett 5 fil-Kenja](#). Waħda mill-miri tal-proġett kienet li r-rendimenti tal-bdiewa jżiedu b'1.5 % fi 11-il katina tal-valur. Is-sieħeb ta' implimentazzjoni mmonitorja dan l-indikatur tal-eżitu u ddivulga r-riżultati fir-rapport ta' progress tal-proġett. Madankollu, fi tmiem il-proġett, 4 biss mill-11-il katina tal-valur kienu laħqu l-mira, filwaqt li r-rendimenti fis-7 ktajjen tal-valur li fadal kienu naqsu meta mqabbla mal-linja bażi.

Kaxxa 3

Il-benefiċċji tal-proġetti għall-benefiċjarji

Proġett 6 — L-Etjopja

Il-proġett għandu l-għan li jnaqqas l-insigurtà tal-ikel fl-Etjopja billi jiffoka fuq attivitajiet agrikoli reżiljenti u jtejjeb il-produttività permezz tal-iżvilupp sostenibbli tas-settur taż-żrieragħ. L-intervent kellu benefiċċji mil-lat ta' sigurtà tal-ikel għall-bdiewa fiż-żoni fil-mira. Barra minn hekk, l-appoġġ ipprovdut għat-trobbija tan-naħal wera li huwa kemm effettiv ħafna kif ukoll sostenibbli.

Madankollu, xi problemi naqqsu l-effettività tal-proġett. B'mod partikolari, il-kwantità ta' żerriegħa pprovduta għal kull benefiċjarju ma kinitx biżżejjed biex titħawwel il-0.25 ettaru ta' art intenzjonata. Barra minn hekk, għal reġjun wieħed (Tigray), l-istudju ta' fattibbiltà tlesta biss wara li twettqet l-ewwel distribuzzjoni taż-żrieragħ. Dan qajjem mistoqsijiet dwar jekk id-distribuzzjoni inizjali kinitx allinjata mal-ħtiġijiet speċifiċi u mal-kundizzjonijiet agrikoli tar-reġjun. Barra minn hekk, id-distribuzzjoni ta' tipi ta' żrieragħ ibridi toħloq limitazzjonijiet billi r-rendiment tagħhom jonqos maż-żmien u l-bdiewa ma għandhomx il-mezzi biex jixtru żrieragħ ġodda.

Proġett 6 — Il-Kenja

L-għan tal-proġett kien li jżid ir-reżiljenza għan-nixfa u għall-effetti tat-tibdil fil-klima fl-ASALs. Il-proġett ġab miegħu benefiċċji tanġibbli għall-ħajja tal-benefiċjarji, billi wieħed mill-fatturi kontribwenti ewlenin kien li s-sieħeb ta' implimentazzjoni involva lill-Gvern lokali u lill-awtoritajiet tas-settur rilevanti. Is-sjieda tal-komunità wkoll kienet fattur kritiku, kemm mil-lat finanzjarju kif ukoll f'dak li jikkonċerna l-mobilizzazzjoni tal-membri tal-komunità.

Pereżempju, bis-saħħa ta' waħda mill-attivitajiet appoġġati mill-proġett (id-diġa tar-ramel tal-Mwania), in-nies li qabel kellhom jimxu diversi drabi kuljum biex iġibu l-ilma minn xmara mielħa u maħmuġa, issa għandhom aċċess għal ilma tax-xorb nadif, jew fi djarhom stess jew fi stazzjonijiet ta' servizzi għall-komunità fil-qrib. Dan it-titjib ippermetta lill-benefiċjarji jiddedikaw aktar ħin għall-agrikoltura, u dan wassal għal ħsad ta' kwalità aħjar u żieda fil-volumi tal-għelejjel. Barra minn hekk, il-bhejjem tal-ifrat issa għandhom aċċess għall-ilma, u l-kundizzjonijiet fl-iskejjel, fil-knejjes u fis-swieq fir-raħal tjiebu b'mod sinifikanti. Il-proġett jinkludi pjanijiet biex jiġu installati arloġġi għall-monitoraġġ tal-użu tal-ilma, u biex l-utenti jiġu ċċarġjati għall-ilma li huma jikkunsmaw. Dan l-approċċ jara li l-proġett żgur ikun sostenibbli billi jiġġenera dħul għall-manutenzjoni u jħeġġeġ l-użu responsabbli tal-ilma.

L-**Istampa 1** turi benefiċjarja li ngħatat aċċess għall-ilma f'darha għall-ewwel darba.

Stampa 1 | Aċċess għall-ilma fid-djar tal-benefiċjarji



Sors: il-QEA.

Attività oħra tal-proġett ipprovdiet mogħoż ta' ġens femminil lill-aktar individwi vulnerabbli f'villaġġ. Il-mogħoż kienu ta' razza reżiljenti għall-klima, magħżula speċifikament biex jipprevienu wild ibridu, u mtaqqla minn mogħża ta' ġens maskil tal-istess razza. Meta l-mogħoż irriproduċew ruħhom, in-nisel tqassam lil raħħala oħra, u b'hekk il-benefiċċji tal-inizjattiva żgur ġew kondiviżi b'mod wiesa'. Fl-istess ħin, ġiet iggarantita s-sostenibbiltà. Il-benefiċjarji setgħu jużaw il-ħalib tal-mogħoż biex jitimgħu lil uliedhom jew ibigħuh għal introjtu addizzjonali. B'tul ta' ħajja medju ta' 4 snin, il-mogħoż jistgħu jinbiegħu wkoll għal-laħam, u joffru sors addizzjonali ta' introjtu għall-familji involuti. Ara l-**Istampa 2**, li turi lil benefiċjarju tal-proġett.

Stampa 2 | Proprjetarju tal-mogħoż quddiem kenn fejn jitrabbew il-mogħoż




Sors: il-QEA.

Proġett 2 — Iż-Żambja

Il-proġett iffoka fuq il-ġlieda kontra l-malnutrizzjoni billi laqqa' flimkien lill-Gvern, lis-soċjetà ċivili u lid-donaturi biex itejbu l-eżiti tan-nutrizzjoni. Huwa ffoka fuq il-promozzjoni tal-politika, il-bini tal-kapaċità u l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi. Il-proġett huwa allinjat mal-programm [First 1 000 Days](#) tal-Gvern u jikkomplementa l-programm nazzjonali li jimmira lejn il-malnutrizzjoni.

Il-proġett kellu impatt pożittiv fit-tnaqqis tal-livelli ta' nuqqas ta' żvilupp f'diversi distretti (ara l-[Figura 6](#)). Madankollu, l-impatt għal żmien twil tiegħu x'aktarx ma jkunx sostenibbli, billi l-proġett ma indirizzax il-kawżi ewlenin tal-malnutrizzjoni.

Figura 6 | Impatt tal-proġett fuq in-nuqqas ta' żvilupp fiż-Żambja



Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* mill-Kummissjoni u l-Istħarriġ Demografiku u tas-Saħħa taż-Żambja li sar fl-2018 u fl-2024.

Sors tal-mappa: Olli.

Sostenibbiltà

- 76** L-attivitajiet tal-proġetti kkontribwew għal soluzzjonijiet sostenibbli f'xi każijiet, iżda l-biċċa l-kbira mill-proġetti x'aktarx li ma kinux se jkunu sostenibbli minħabba nuqqas ta' finanzjament futur. Aħna sibna li l-proġetti kollha ħlief tlieta, minn dawk inklużi fil-kampjun tagħna, ma kellhomx strateġija ta' ħruġ, u li strateġiji ta' dan it-tip mhux dejjem ġew implimentati b'mod effettiv fil-prattika, anki meta kienu jeżistu.
- 77** Sibna wkoll li l-biċċa l-kbira mill-proġetti ffukaw primarjament fuq l-iżvilupp tal-katina tal-valur. Għalkemm dan huwa konformi mal-prijoritajiet tal-inizjattiva Global Gateway, huwa jwassal biex ma tingħatax biżżejjed attenzjoni lis-saħħa u lid-diversifikazzjoni fid-dieta. Il-malnutrizzjoni għadha għolja kemm fiż-żoni rurali kif ukoll f'dawk urbani u, fost il-popolazzjoni lokali, ftit hemm fehim tal-kwalità tal-ikel jew tad-diversifikazzjoni. Il-proġetti ffukaw b'mod predominanti fuq iż-żieda fil-kwantità tal-ikel, b'enfasi fuq l-ikel bażiku aktar milli fuq dieta bbilanċjata u varjata.
- 78** Barra minn hekk, il-proġetti kienu mmirati b'mod konsistenti lejn għadd żgħir ta' individwi meta mqabbel mal-popolazzjoni ġenerali fil-bżonn. Huwa essenzjali li dawn l-inizjattivi jiġu replikati, iżda dan huwa mxekkel minn nuqqas ta' finanzjament kemm mill-Gvern kif ukoll mid-donaturi.
- 79** Għall-biċċa l-kbira mill-proġetti, il-benefiċjarji kienu għadhom qed jużaw it-tagħmir improvdut. Madankollu, innutajna xi eċċezzjonijiet f'erba' proġetti (ara l-[Kaxxa 4](#)). Il-kuntratti ta' għotjiet tal-UE jistipulaw li, meta jintemmu l-proġetti, tagħmir bħal muturi, karożżi u laptops għandu jingħata lis-sħab lokali, bħall-ministeri tal-Gvern. Din il-klawżola kuntrattwali tirriskja li toħloq l-aspettattiva, fost dawn is-sħab, li jirċievu tagħmir ġdid fl-ambitu ta' proġetti futuri, u b'hekk tnaqqas il-motivazzjoni tagħhom biex il-vetturi u t-tagħmir li jkunu rċeview, u r-riżorsi diġà limitati li jiddedikaw biex jagħmlu dan, ituhom servizz ta' manutenzjoni kif xieraq. Barra minn hekk, ma ngħata l-ebda segwitu biex jiġi mmonitorjat kif dawn l-assi kienu qed jintużaw jew jingħataw servizz ta' manutenzjoni ladarba l-proġetti jkunu ntemmu, jew jekk kinux għadhom qed jintużaw għall-finijiet intenzjonati tagħhom fl-ambitu tal-proġetti.

Kaxxa 4

Użu ineffettiv tat-tagħmir tal-proġetti

- Il-proġett 4 fil-Kenja: aħna żorna l-kamra tal-kompjuters li hemm fiċ-ċentru ta' taħriġ agrikolu ta' Waruhiu, u spezzjonajna xi tagħmir ipprovdut permezz tal-proġett, li kien jinkludi 13-il kompjuuter. Hawnha mill-kompjuters ma kellhomx konnessjoni tal-internet u ma kinux jaħdmu.
- Il-proġett 1 fiż-Żambja: is-siti tal-proġett irċewew tankijiet tal-ilma, pajpijiet għat-tisqija u pompi solari. Għalkemm il-komunità lokali użat din l-infrastruttura, sfortunatament ma kellhomx il-flus biex ituhom servizz ta' manutenzjoni.
- Il-proġett 1 fl-Etjopja: aħna sibna li mutur mixtri fl-ambitu tal-proġett ma kienx intuża minn meta beda l-proġett (dan minkejja li l-benefiċjarji kienu talbu aktar minnhom), u trakk mixtri kellu tajers tant mherrija li ma setax jibqa' jinstaq b'mod sikur (*l-Istampa 3*).
- Il-proġett 5 fl-Etjopja: xi oġġetti akkwistati ma kinux intużaw, minkejja li l-proġett kien se jintemm dalwaqt. L-oġġetti kkonċernati kienu żewġ televixins bi skrin ċatt, kompjuuter desktop u ġeneratur żgħir (*l-Istampa 4*). Fl-ambitu tal-istess proġett, skola rċeviet tank tal-ilma minkejja li diġà kellha wieħed. Barra minn hekk, il-popolazzjoni lokali ma kellhiex il-flus biex it-tank timlieh bl-ilma.

Stampa 3 | Tagħmir li ma ntūzax/li ma jistax jintuża



Sors: il-QEA.

Stampa 4 | Tagħmir li ma ntużax



Sors: il-QEA.

80 Il-fatturi prinċipali li jikkontribwixxu għan-nuqqas ta' sostenibbiltà jinkludu:

- strutturi appoġġati mill-UE li mhumiex marbuta b'mod adegwat mal-istrutturi tal-Gvern eżistenti;
- nuqqas ta' kapaċità fil-livell tal-Gvern u nuqqas ta' finanzjament għan-nutrizzjoni u s-sigurtà tal-ikel;
- dipendenza għolja fuq il-finanzjament mid-donaturi;
- xi proġetti tfasslu u ġew implimentati mingħajr ma tqiesu l-kapaċità lokali u l-kostijiet tal-manutenzjoni; u
- nuqqas ta' konnessjoni bejn il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira u s-setturi privati jew finanzjarji.

81 Diversi proġetti kellhom l-għan li jżidu kemm il-kwalità kif ukoll il-kwantità tal-ħsad li jsir mill-bdiewa, iżda dawn spiss ma kellhomx konnessjoni mas-swieq tal-esportazzjoni jew mal-finanzjament. Il-bdiewa jsibuha diffiċli ħafna biex jiksbu self (anke b'kundizzjonijiet aktar favorevoli, bħal dawk fl-ambitu tal-proġett 8 fil-Kenja u l-proġett 4 fiż-Żambija) u biex jagħmlu aktar investimenti biex isostnu ż-żieda fil-ħsad tagħhom.

- 82** Il-proġetti li wrew li kienu sostenibbli kienu dawk li fihom il-benefiċjarji kkontribwew finanzjarjament u ħadu riskji kemm operazzjonali kif ukoll finanzjarji. B'kuntrast ma' dan, il-proġetti li jiffukaw fuq il-forniment taż-żrieragħ lill-bdiewa, l-ikel lill-iskejjel jew is-supplimenti nutrizzjonali lill-isptarijiet għal tfal b'nuqqas ta' nutrizzjoni mhumix, min-natura tagħhom stess, sostenibbli għal żmien twil mingħajr appoġġ kontinwat mid-donaturi jew mill-Gvern, anke jekk dan l-appoġġ għandu impatt pożittiv immedjat u għal żmien qasir.
- 83** Għall-proġetti inklużi fil-kampjun tagħna, ladarba tlestew, ingħatalhom segwitu limitat ħafna mid-delegazzjonijiet tal-UE biex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni tal-benefiċjarji finali, bħal titjib fil-livelli tal-malnutrizzjoni jew tal-insigurtà tal-ikel jew żidiet fil-ħsad (u b'hekk fl-introjt).

L-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni fl-Afrika sub-Saħarjana

- 84** Għall-biċċa l-kbira mill-pajjiżi fl-Afrika sub-Saħarjana, is-sitwazzjoni ma tjiġitx b'mod sinifikanti maż-żmien, u kien hemm sfidi persistenti f'dak li jikkonċerna l-indirizzar tal-insigurtà tal-ikel, il-malnutrizzjoni u problemi sottostanti oħra (ara l-**Figura 7** u l-**Figura 8**). Filwaqt li n-nuqqas ta' żvilupp naqas fil-prevalenza meta mqabbel mal-popolazzjoni ġenerali tal-Afrika sub-Saħarjana, f'termini assoluti l-għadd ta' tfal li mhumix qed jiżviluppaw fir-reġjun qed jiżdied (ara l-**Figura 9**). Minkejja diversi sforzi u interventi, ir-reġjun għadu qed iħabbat wiċċu ma' ostakli sinifikanti, inklużi t-tibdil fil-klima, il-kunflitt u l-instabbiltà ekonomika. Dawn xekklu l-progress. Bir-rata attwali ta' progress, sal-2030 miljuni ta' persuni se jkunu għadhom jgħixu b'nuqqas ta' nutrizzjoni, miljuni ta' tfal xorta se jintlaqtu mill-malnutrizzjoni fil-forom differenti tagħha, u l-għan ta' "Ebda Ġuħ" (SDG 2) se jibqa' 'l bogħod ferm milli jintlaħaq.

Figura 7 | Insigurtà tal-ikel fl-Afrika sub-Saħarjana

Sehem tal-popolazzjoni li qed tħabbat wiċċha ma' livelli għoljin ta' insigurtà akuta tal-ikel

■ $\geq 50.0\%$


■ $25.0\% - 49.9\%$

■ $10.0\% - 24.9\%$

■ $0\% - 10.0\%$

■ Pajjiż li ma ntgħażilx għal analiżi

■ L-ebda data/id-data ma tissodisfax ir-rekwiżiti tekniċi tar-Rapport Globali dwar il-Kriżijiet tal-Ikel




Sors: il-QEA, abbażi tal-[Global Report on Food Crises](#).

Sors tal-mappa: l-Eurostat.

Figura 8 | Malnutrizzjoni fl-Afrika sub-Saħarjana

Prevalenza ta' nuqqas ta' żvilupp fost it-tfal taħt il-5 snin (%)


- *Għoli ħafna ≥ 30*
- *Għoli $20 - < 30$*
- *Medju $10 - < 20$*
- *Baxx $2.5 - < 10$*
- *Baxx ħafna ≤ 2.5*



Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* tal-[Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa](#).

Sors tal-mappa: l-Eurostat.

Figura 9 | Analiżi tat-tendenzi ta' tfal li mhumiex qed jiżviluppaw fl-Afrika sub-Saħarjana



Sors: il-QEA, abbażi ta' data tal-[Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa](#).

- 85** Fil-pajjiżi li żorna, il-livelli ta' malnutrizzjoni fost it-tfal għadhom għoljin ħafna minkejja t-titjib li sar f'dawn l-aħħar snin. Barra minn hekk, il-prevalenza ta' insigurtà serja tal-ikel kienet u għadha qed tiżdied, minkejja l-finanzjament mill-UE u minn donaturi oħra.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla I, immexxija mis-Sa Joëlle Elvinger, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-23 ta' Settembru 2025.

Għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Tony Murphy
Il-President

Annessi

Anness I — Dwar l-awditu

Il-ġlieda kontra l-ġuħ: kuntest u komponenti


- 01** Il-kunflitti, l-iskossi ekonomiċi u l-avvenimenti ta' temp estrem għadhom fatturi mexxejja ta' insigurtà sinifikanti tal-ikel fid-dinja kollha. Fl-2024, 295 miljun persuna fi 53 pajjiż ħabbtu wiċċhom ma' livelli għoljin ta' insigurtà akuta tal-ikel. Meta mqabbla mal-2013, 13.7-il miljun persuna aktar kienet ta' assistenza urġenti. Is-sitwazzjoni ta' malnutrizzjoni akuta fost in-nisa u t-tfal kompliet tiddeterjora wkoll, u ħalliet aktar minn 37.7 miljun tifel u tifla taħt il-5 snin neqsin ferm minn ikel sustanzjuż.
- 02** Il-fatturi mexxejja tal-insigurtà tal-ikel huma interkonnessi u jsaħħu lil xulxin. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna kienu xokkijiet kbar li laqtu lil firxa wiesgħa ta' pajjiżi, u l-kunflitti fil-Palestina u fis-Sudan qed joħolqu kriżijiet umanitarji estremi. Il-pajjiżi b'vulnerabbiltajiet strutturali għandhom diffikultajiet biex jirrispondu għax-xokkijiet u jirkupraw minnhom, speċjalment dawk rikorrenti, u l-għadd kbir ta' persuni spostati joħloq pressjoni addizzjonali.
- 03** Il-ġlieda kontra l-ġuħ tinkludi firxa ta' attivitajiet relatati mal-assistenza għall-ikel, in-nutrizzjoni, is-sigurtà tal-ikel u s-sistemi tal-ikel (ara l-[Figura 1](#)). Dawn huma interkonnessi, immirati lejn dawk li qed iħabbtu wiċċhom ma' insigurtà tal-ikel jew li jinsabu f'riskju ta' insigurtà tal-ikel, u jeħtieġu fehim tal-ħtiġijiet għal żmien twil.

04 FI-UE, il-finanzjament għall-għieda kontra l-guġ huwa pprovdut permezz ta' assistenza umanitarja, li hija taħt ir-responsabbiltà tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej (DĠ ECHO), u permezz tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, li hija responsabbiltà tad-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali (DĠ INTPA). Filwaqt li d-DĠ ECHO jipprovdi assistenza umanitarja u d-DĠ INTPA jiffoka fuq il-ħolqien ta' bidla sostenibbli billi jindirizza l-kawżi sottostanti tal-kriżijiet umanitarji, iż-żewġ tipi ta' finanzjament jistgħu jiġu pprovduti lill-istess żona ġeografika fl-istess ħin. L-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-kriżijiet, filwaqt li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet umanitarji fl-istess ħin, jeħtieġ azzjonijiet biex żgur ikun hemm komplementarjetà. L-approċċ tar-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp ifittex sinerġiji u konsistenza bejn iż-żewġ forom ta' assistenza biex ikun hemm rispons aħjar għall-kriżijiet u tinbena r-reżiljenza.

L-oqfsa ta' politika globali u tal-UE

- 05** Il-ġlieda kontra l-ġuħ tiffirma parti minn diversi politiki u oqfsa, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak globali. Ara l-**Figura 1** — l-**Anness I** għal stampa ġenerali grafika.

Figura 1 | Qafas ta' politika għall-ġlieda kontra l-ġuħ




Sors: il-QEA.

Allokazzjoni tal-finanzjament

- 06** Il-Kummissjoni tindirizza r-rappurtar tagħha lill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) dwar il-finanzjament annwali rilevanti għal kull SDG tan-NU. Id-DĠ INTPA u d-DĠ ECHO rrappurtaw li kkonkludew EUR 3.5 biljun f'kuntratti biex jindirizzaw l-SDG 2 fil-perjodu 2021–2024. Minnhom, 56 % kienu mmaniġġjati mid-DĠ INTPA u 44 % mid-DĠ ECHO. L-istrumenti ta' finanzjament użati mid-DĠ INTPA huma l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali (NDICI — Ewropa Globali), taħt il-qafas finanzjarju pluriennali attwali, u l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) taħt il-qafas finanzjarju pluriennali 2014–2020, kif ukoll l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ). L-istrument użat mid-DĠ ECHO huwa l-Programm ta' Għajnuna Umanitarja. Mill-finanzjament totali rrappurtat għall-SDG 2 “Ebda Ġuħ”, 58 % (EUR 1.9 biljun) ġie allokat għall-Afrika sub-Saħarjana (ara l-[Figura 2](#)). F'dan ir-reġjun, id-DĠ INTPA mmaniġġja 63 % tal-finanzjament u d-DĠ ECHO mmaniġġja 37 % fil-perjodu 2021–2024. Is-sħab prinċipali ta' implimentazzjoni fl-Afrika sub-Saħarjana huma l-organizzazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji għall-iżvilupp tal-Istati Membri, li flimkien jirrappreżentaw aktar minn 40 % tal-finanzjament. Il-bqija huwa implimentat minn kumpaniji privati, organizzazzjonijiet mhux governattivi, gvernijiet jew istituzzjonijiet finanzjarji nazzjonali tal-pajjiżi sħab.

Figura 2 | Afrika sub-Saħarjana



Sors: il-QEA.

Sors tal-mappa: l-Eurostat.

Ambitu u approċċ tal-awditjar

07 Aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni hijiex qed timmira u timplimenta l-azzjonijiet għall-iżvilupp tagħha biex tiġġieled il-ġuħ fl-Afrika sub-Saħarjana b'mod effettiv. B'mod aktar speċifiku, ivvalutajna jekk:

- l-azzjonijiet ta' żvilupp meħuda mill-Kummissjoni għall-ġlieda kontra l-ġuħ indirizzawx l-aktar ħtiġijiet u prijoritajiet rilevanti; u
- il-Kummissjoni kinitx implimentat dawk l-azzjonijiet b'mod effettiv.

- 08** L-awditu kopra dawk il-proġetti mill-perjodu 2014–2020 li kienu qed jintemmu bejn l-2021 u l-2024. Dan ippermettietna nevalwaw l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom u r-riżultati miksuba. Barra minn hekk, koprejna dawk il-proġetti li kienu diġà nbdew fil-perjodu 2021–2027, u koprejna kemm it-tfassil kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom sal-lum. Għalhekk, l-awditu li wettaqna kien jinkludi proġetti ffinanzjati mill-NDICI — Ewropa Globali, il-FEŻ u d-DCI.
- 09** L-ambitu ġeografiku tal-awditu kien l-Afrika sub-Saħarjana, fejn il-ġuħ għadu prevalenti ħafna u l-UE pprovdiet livell materjali ta' finanzjament (EUR 23.2 biljun f'kuntratti konklużi bejn l-2014 u l-2024 għal attivitajiet relatati mas-sistemi tal-ikel akkwatiċi u agrikoli sostenibbli (SAAFS) u l-għajjnuna umanitarja) għall-ġlieda kontra l-ġuħ. Barra minn hekk, matul l-aħħar 10 snin, sar progress sinifikanti fit-tnaqqis tal-malnutrizzjoni u l-insigurtà tal-ikel fil-biċċa l-kbira mill-kontinenti. Madankollu, l-Afrika sub-Saħarjana tibqa' eċċezzjoni notevoli. Minkejja l-isforzi biex jiġu indirizzati l-ġuħ u l-malnutrizzjoni, ir-reġjun għadu qed iħabbat wiċċu ma' sfidi persistenti.
- 10** L-awditu ffoka fuq azzjonijiet ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp li jindirizzaw is-sigurtà tal-ikel, is-sistemi akkwatiċi u agroalimentari sostenibbli, u n-nutrizzjoni. Dawn huma miżuri għal żmien twil u huma mmaniġġjati mid-DĠ INTPA. Għalkemm l-assistenza għall-ikel f'sitwazzjonijiet ta' sikkors ta' emerġenza pprovduta mid-DĠ ECHO ma kinitx taqa' direttament fl-ambitu tal-awditjar tagħna, aħna eżaminajna kif ġiet implimentata r-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp, kif ukoll il-koordinazzjoni bejn id-DĠ INTPA u d-DĠ ECHO.
- 11** L-awditu twettaq permezz ta' żjarat tal-awditjar fuq il-post fl-Etjopja, il-Kenja u ż-Żambja, analizzijiet mhux fuq il-post għaċ-Chad, in-Niġer u s-Sudan t'Isfel, intervisti mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, u analiżi ta' dokumenti għall-pajjiżi kollha fl-Afrika sub-Saħarjana.

12 Il-pajjiżi awditjati fuq il-post u permezz ta' analiżi mhux fuq il-post intgħażlu bl-użu ta' diversi kriterji, bħall-materjalità, il-firxa ta' proġetti u l-livelli ta' malnutrizzjoni. Għat-tliet pajjiżi li żorna, aħna analizzajna kampjun ta' 22 proġett minn popolazzjoni ta' 91, li jirrappreżentaw 51 % tal-valur finanzjarju totali. Għall-pajjiżi vvalutati permezz ta' analiżi mhux fuq il-post, aħna analizzajna kampjun ta' 16-il proġett minn popolazzjoni ta' 103. Għal dawn il-pajjiżi, ir-rieżaminar li wettaqna ffoka fuq l-implimentazzjoni tar-rabta. L-għażla ta' proġetti għal żjarat fuq il-post kienet ibbażata fuq il-materjalità, l-istatus tal-proġett (biex tinkiseb taħlita ta' proġetti li għaddejjin u proġetti li tlestew), il-mod ta' ġestjoni applikat (biex tinkiseb taħlita ta' proġetti taħt ġestjoni diretta jew indiretta), l-istrument li minnu ġew iffinanzjati (biex tinkiseb taħlita ta' proġetti ffinanzjati mid-DCI, il-FEŻ jew l-NDICI — Ewropa Globali), it-tip ta' appoġġ ipprovdut (biex tinkiseb taħlita ta' proġetti dwar is-sigurtà tal-ikel, in-nutrizzjoni u s-sistemi tal-ikel kif ukoll taħlita ta' arranġamenti ta' finanzjament bħal appoġġ baġitarju u interventi bbażati fuq il-proġetti) u l-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali li fih ġew implimentati (biex tinkiseb taħlita ta' proġetti ffinanzjati fil-perjodu 2014–2020 u fil-perjodu 2021–2024).

Anness II — Proġetti inklużi fil-kampjun

Pajjiż	Numru tal-proġett	Tip ta' sieħeb ta' implimentazzjoni	Deskrizzjoni tal-proġett	Data tal-bidu	Data tat-tmiem	Impenjati (EUR)	Żborżati (EUR)
L-Etjopja	1	Aġenzija nazzjonali tal-Gvern	Azzjoni tal-UE dwar il-kafè għall-Etjopja (EU-Cafe)	8.11.2018	31.12.2025	10 486 000	3 821 897
	2	Organizzazzjoni internazzjonali	Appoġġ għal programmazzjoni effettiva tas-sigurtà tal-ikel, in-nutrizzjoni u r-reżiljenza fl-Etjopja	1.12.2021	30.9.2025	3 300 000	2 040 769
	3	Aġenzija nazzjonali tal-Gvern	Komponent 3 ta' PROSEAD: Żvilupp tal-katina tal-valur għat-tkabbir sostnut (appoġġ għall-katina tal-valur tal-agrikoltura) ta' parks agroindustrijali integrati (IAIPS)	3.12.2019	2.8.2025	10 000 000	8 435 836
	4	Organizzazzjoni internazzjonali	Jiġu stabbiliti mill-ġdid is-servizzi tal-edukazzjoni essenzjali għat-tfal milquta mill-kunflitti fl-Etjopja — tmigħ fl-iskejjel	21.11.2022	20.11.2025	6 200 000	4 173 425
	5	Aġenzija nazzjonali tal-Gvern	L-indirizzar tad-determinanti soċjali tas-saħħa (SDH) għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-istat reġjonali ta' Afar, l-Etjopja	18.11.2021	17.5.2025	4 812 500	4 331 250
	6	Aġenzija għall-iżvilupp ta' Stat Membru	FARM-ETHIOPIA: Miżuri ta' riabilitazzjoni tas-sigurtà tal-ikel u l-agrikoltura fir-reġjuni tal-Etjopja milquta mill-kunflitti u n-nixfa	10.2.2023	9.11.2026	14 000 000	12 596 485
II-Kenja	1	Aġenzija nazzjonali tal-Gvern	Inizjattiva Kenjana għall-integrazzjoni għal żmien twil tal-operaturi tas-suq fil-ktajjen tal-valur	1.1.2018	1.7.2024	21 992 033	19 792 830
	2	Organizzazzjoni internazzjonali	Programm ta' governanza diġitali tal-art (DLGP)	1.4.2022	29.3.2027	20 000 000	14 633 064
	3	Organizzazzjoni internazzjonali	Mekkaniżmu flessibbli għall-migrazzjoni u l-ispostament furzat fl-Afrika sub-Saħarjana, li jibni insedjamenti tar-refuġjati fil-Kenja	1.1.2024	1.1.2027	14 000 000	7 467 646
	4	Aġenzija għall-iżvilupp ta' Stat Membru	Appoġġ għal agrikoltura fuq skala żgħira produttiva, adattata u integrata fis-suq	1.1.2018	31.12.2023	7 000 000	7 000 000
	5	Aġenzija nazzjonali tal-Gvern	Proġett ta' produttività agrikola intelliġenti fil-livell klimatiku (CS APP)	4.1.2019	30.11.2024	5 000 000	4 500 000
	6	Aġenzija nazzjonali tal-Gvern	Azzjoni dwar il-klima fl-artijiet niexfa biex il-komunità ssir reżiljenti għan-nixfa (DCADR)	1.1.2023	31.12.2026	13 000 000	4 201 737
	7	Aġenzija nazzjonali tal-Gvern	It-tisħiħ tal-Programm Nazzjonali Kenjan għall-Fortifikazzjoni tal-Ikel biex jittejjeb l-istatus tas-saħħa u n-nutrizzjoni tal-gruppi foqra u vulnerabbli	1.1.2017	31.12.2023	3 200 000	2 751 429
	8	Organizzazzjoni finanzjarja internazzjonali	Għotja għall-Faċilità tal-Katina tal-Valur Agrikola tal-Kenja ffinanzjata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fl-ambitu tal-Pjattaforma ta' Investiment għall-Afrika	6.11.2019	31.12.2025	10 000 000	9 921 271
Iż-Żambja	1a	Aġenzija għall-iżvilupp ta' Stat Membru	Sistemi mtejbja ta' ġestjoni tal-ilma agrikolu u ta' tisqija sostenibbli u sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru għall-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira f'distretti magħżula taż-żona sekondarja tal-ġbir tal-ilma fil-Kafue t'Isfel	1.2.2019	30.9.2023	13 500 000	13 500 000
	1b	Aġenzija għall-iżvilupp ta' Stat Membru	Ġestjoni integrata tal-ġbir tal-ilma u protezzjoni tal-pajsaġġ fiż-Żambja	1.11.2023	30.4.2028	8 000 000	1 200 000
	2	Organizzazzjoni internazzjonali	Fażi II ta' Scaling Up Nutrition (Fażi II ta' SUN)	1.10.2020	30.4.2025	18 028 750	17 917 247
	3	Organizzazzjoni mhux governattiva internazzjonali	Appoġġ ekonomiku, nutrizzjonali u tekniku għal żieda fir-redditi ekonomiċi u l-qligħ fin-negozji agrikoli sostenibbli fiż-Żambja (ENTERPRISE)	1.3.2020	31.8.2025	25 998 382	19 598 951
	4	Organizzazzjoni finanzjarja internazzjonali	Parteċipazzjoni ta' bdiewa b'azzjendi agrikoli żgħar fil-ktajjen tal-valur — finanzjament imħallat — assistenza teknika u appoġġ mill-istrumenti finanzjarji għall-Faċilità tal-Katina tal-Valur Agrikola taż-Żambja	20.6.2020	19.6.2030	14 999 370	1 508 995

Pajjiż	Numru tal-proġett	Tip ta' sieħeb ta' implimentazzjoni	Deskrizzjoni tal-proġett	Data tal-bidu	Data tat-tmiem	Impenjati (EUR)	Żborżati (EUR)
	5a	Organizzazzjoni internazzjonali	Intensifikazzjoni sostenibbli tas-sistemi tal-biedja fuq skala żgħira fiż-Żambja (SIFAZ)	1.8.2019	31.1.2025	12 000 000	12 000 000
	5b	Organizzazzjoni internazzjonali	Intensifikazzjoni sostenibbli tas-sistemi tal-biedja fuq skala żgħira fiż-Żambja (SIFAZ) — <i>Addendum 1</i>	13.11.2025	31.1.2029	20 000 000	0
	6	Aġenzija għall-iżvilupp ta' Stat Membru	Pajsaġġ sostenibbli permezz ta' ġestjoni integrata (SLIM)	1.10.2023	30.9.2027	6 000 000	1 175 151

Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

Anness III — Valutazzjoni tal-proġetti

		Tajjeb	Mhux sodisfaċenti		Konklużjoni għadha mhux possibbli	
		Sodisfaċenti				
		Xi dgħufijiet				
Pajjiż	Tip ta' Sieħeb ta' Implimentazzjoni	Tempestività tal-azzjoni		Monitoraġġ	Sostenibbiltà	
Numru tal-proġett	SM — Stat Membru NGO — Organizzazzjoni mhux governattiva	Valutazzjoni tal-ħtiġijiet	Kosteffettività	Riżultati		
L-Etjopja						
1	Aġenzija nazzjonali tal-Gvern					
2	Organizzazzjoni internazzjonali					
3	Aġenzija nazzjonali tal-Gvern					
4	Organizzazzjoni internazzjonali					
5	Aġenzija nazzjonali tal-Gvern					
6	Aġenzija tal-iżvilupp tal-Istat Membru					
Il-Kenja						
1	Aġenzija nazzjonali tal-Gvern					
2	Organizzazzjoni internazzjonali					
3	Organizzazzjoni internazzjonali					
4	Aġenzija tal-iżvilupp tal-Istat Membru					
5	Aġenzija nazzjonali tal-Gvern					
6	Aġenzija nazzjonali tal-Gvern					
7	Aġenzija nazzjonali tal-Gvern					
8	Organizzazzjoni finanzjarja internazzjonali					
Iż-Żambja						
1	Aġenzija tal-iżvilupp tal-Istat Membru					
2	Organizzazzjoni internazzjonali					
3	NGO internazzjonali					
4	Organizzazzjoni finanzjarja internazzjonali					
5	Organizzazzjoni internazzjonali					
6	Aġenzija tal-iżvilupp tal-Istat Membru					

Sors: il-QEA.

Abbrevjazzjonijiet

ASALS	Artijiet aridi u semiaridi
DAC	Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp
DCI	Strument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp
DĠ ECHO	Id-Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej
DĠ INTPA	Direttorat Ġenerali Għas-Sħubijiet Internazzjonali
EDF	Fond Ewropew għall-Iżvilupp
MIP	Programm indikattiv pluriennali
NDICI — Ewropa Globali	Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali
OECD	Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi
SAAFS	Sistemi tal-ikel akkwatiċi u agrikoli sostenibbli
SDG	Għan ta' żvilupp sostenibbli
TEI	Inizjattiva tat-Tim Ewropa

Glossarju

Assistenza għall-ikel	Għajnuna pprovduta meta tkun mistennija kriżi umanitarja, matulha jew ladarba tkun għaddiet, u li tinkludi jew provvisti tal-ikel jew flus biex jinx tara l-ikel.
Eżitu	Bidla immedjata jew għal żmien twil li tirriżulta minn proġett u li normalment tkun relatata mal-oġettivi tiegħu, bħall-benefiċċji li jirriżultaw minn prattiki agrikoli aħjar.
Ġestjoni diretta	Ġestjoni ta' fond jew ta' programm tal-UE li titwettaq mill-Kummissjoni waħidha, b'kuntrast ma' ġestjoni kondiviża jew ġestjoni indiretta.
Ġestjoni indiretta	Metodu ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, li permezz tiegħu l-Kummissjoni tinkariga lil entitajiet oħra (bħal organizzazzjonijiet nongovernattivi u internazzjonali) b'kompiti ta' implimentazzjoni.
Global Gateway	Strateġija tal-UE biex jinħolqu rabtiet fid-dinja kollha billi jsir investiment fl-infrastruttura diġitali, tal-enerġija u tat-trasport u jissaħħu s-sistemi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tar-riċerka.
Għajnuna umanitarja	Assistenza pprovduta biex jiġu salvati l-ħajjiet, tittaffa t-tbatija u tinżamm id-dinjità tal-bniedem matul u wara l-emerġenzi, inkluż l-ikel, il-kenn, l-ilma, il-kura tas-saħħa u s-servizzi ta' protezzjoni.
Għanijiet ta' żvilupp sostenibbli	Is-17-il għan stabbiliti fl-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-iżvilupp Sostenibbli biex jistimulaw azzjoni mill-pajjiżi kollha f'oqsma ta' importanza kritika għall-umanità u l-pjaneta. Magħrufa wkoll bħala għanijiet uffiċjali ta' żvilupp .
Impatt	Il-konsegwenzi usa' fit-tul ta' proġett jew programm li jkun tlesta, bħall-benefiċċji soċjoekonomiċi għall-popolazzjoni kollha.
Kooperazzjoni għall-iżvilupp	Il-politika li ssir f'idma fi sħubija ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli, jitnaqqas il-faqar u jissaħħu l-istituzzjonijiet permezz ta' għajnuna finanzjarja, assistenza teknika u appoġġ politiku.
Nuqqas ta' żvilupp	Insuffiċjenza fit-tkabbir u l-iżvilupp fit-tfal minħabba malnutrizzjoni kronika, li twassal għal tul baxx meta mqabbel mal-età u effetti għal żmien twil fuq is-saħħa u l-moħħ.
Nutrizzjoni	Il-konsum, l-assorbiment u l-utilizzazzjoni tan-nutrijenti mill-ikel.
Output	Dak li jiġi prodott jew li jinkiseb minn proġett, bħall-għoti ta' kors ta' taħriġ jew il-konstruzzjoni ta' triq.
Qafas loġiku	Għodda tal-ippjanar dettaljata li tkopri l-implimentazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' proġett. Magħrufa wkoll bħala logframe .

Rquqija żejda

Forma ta' malnutrizzjoni akuta kkaratterizzata minn piż baxx meta mqabbel mat-tul, li tirriżulta minn telf rapidu fil-piż jew nuqqas ta' tiżjid fil-piż, spiss minħabba dieta inadegwata jew mard.

Sigurtà tal-ikel

Sitwazzjoni li fiha kulħadd ikollu aċċess stabbli għal ikel suffiċjenti, sikur u nutrittiv.

Risposti tal-Kummissjoni

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2025-20>

Kronoloġija

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2025-20>

Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditj li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jsejtnu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla III tal-Awditjar — Azzjoni esterna, sigurtà u ġustizzja, immexxija minn Bettina Jakobsen, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Bettina Jakobsen, Membru tal-QEA, li ngħatat appoġġ minn Katja Mattfolk, Kap tal-Kabinett, u Paolo Rexha, Attaché tal-Kabinett; Pietro Puricella, Maniġer Prinċipali; Kim Hublé, Kap tal-Kompitu; Aino Rantanen, Aurélia Petliza u Edwin van Veen, Awdituri. Michael Pyper ipprova appoġġ lingwistiku. Alexandra Damir-Binzaru pprovdiet appoġġ grafiku.



Bettina Jakobsen



Katja Mattfolk



Pietro Puricella



Edwin van Veen



Michael Pyper

DRITTJIET TAL-AWTUR

© Unjoni Ewropea, 2025

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-[Deċiżjoni Nru 6–2019 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja tal-Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat sakemm jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandha tkun responsabbli għall-ebda konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti tal-persunal tal-QEA, jew jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb permess ta' dan it-tip, dan għandu jikkancelła u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Għal użu jew riproduzzjoni ta' kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jaf ikun meħtieġ li jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Il-paġna tal-qoxra — ©Riccardo Niels Mayer — [stock.adobe.com](#).

Figura 1 — L-ikoni tfasslu bl-użu ta' riżorsi mingħand [Flaticon.com](#). © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.

Figuri 2 u 3 — Sors tal-mappa: [lesniewski](#) — [stock.adobe.com](#).

Figura 6 — Sors tal-mappa: [Olli](#) — [stock.adobe.com](#).

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti elettroniċi istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju [europa.eu](#), tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, inti mħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-QEA

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

HTML	ISBN 978-92-849-5790-3	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/9566061	QJ-01-25-052-MT-Q
PDF	ISBN 978-92-849-5791-0	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/8911710	QJ-01-25-052-MT-N

KIF TIKKWOTA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-[Rapport Speċjali 20/2025](#): “L-appoġġ mogħti mill-Kummissjoni għall-ġlieda kontra l-ġuħ fl-Afrika sub-Saħarjana — Ħaqqu kull tifħir, iżda mhuwiex iffukat biżżejjed fuq is-sostenibbiltà u l-impatt”, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

Aħna vvalutajna l-isforzi tal-Kummissjoni f'dak li jikkonċerna l-iżvilupp biex tiġġielew kontra l-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni fl-Afrika sub-Saħarjana. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni għamlet sforzi siewja, iżda l-azzjonijiet tagħha mhux dejjem kienu mmirati lejn daww bl-akbar ħtiġijiet, u la għandhom impatt suffiċjenti u lanqas mhuma sostenibbli biżżejjed. L-assenza ta' kriterji ċari għall-prijoritizzazzjoni tar-reġjuni jew tal-gruppi fil-mira, flimkien ma' ħtiġijiet li jaqbu l-fondi disponibbli, illimitaw l-impatt kumplessiv tal-interventi. Għalkemm il-koordinazzjoni kienet sodisfaċenti, id-dgħufijiet fit-tfassil, il-monitoraġġ tal-proġetti, u l-isfidi fl-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-insigurtà tal-ikel affettwaw b'mod negattiv is-sostenibbiltà u l-impatt mistennija. Filwaqt li l-azzjonijiet meħuda mill-UE ġew allinjati mal-politiki tal-pajjiżi sħab, u l-azzjonijiet tal-Kummissjoni kkontribwew għall-progress, għad hemm sfidi sinifikanti fit-tnaqqis tal-malnutrizzjoni u l-insigurtà tal-ikel. Aħna nressqu rakkomandazzjonijiet għal azzjoni futura.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/contact
Sit web: eca.europa.eu
Media soċjali: @EUauditors